ISSN 1977-074X

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 65

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

3 ta' Marzu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

LINJI GWIDA

2012/120/UE:

★ **Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna *(BĊE/2011/23)*** 1

Prezz: EUR 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' Diċembru 2011

dwar ir-rekwiżiti ta' rapportaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna

(riformulazzjoni)

(BĊE/2011/23)

(2012/120/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 3.1 u 3.3, l-Artikoli 5.1, 12.1, 14.3 u l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 8 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2004/15 tas-16 ta' Lulju 2004 dwar l-obbligi ta' rappurtaġġ ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali tal-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali ([2]) ġiet emendata sostanzjalment. Billi għandhom isiru emendi ulterjuri, għandha tiġi fformulata mill-ġdid fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) Sabiex twettaq il-kompiti tagħha, is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) teħtieġ statistika esterna komprensiva u affidabbli li tikkonsisti fi statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti u dwar il-qagħda intenazzjonali tal-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali, li tindika l-elementi ewlenin li jaffettwaw il-kundizzjonijiet monetarji u s-swieq tal-kambju fiż-żona tal-euro, kif ukoll statistika dwar it-trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro.

(3) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 5.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ") teżiġi li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), jiġbor l-informazzjoni statistika meħtieġa, jew mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi, jew direttament mill-aġenti ekonomiċi. It-tieni sentenza tal-Artiklu 5.1 tipprovdi li għal dawn l-għanijiet huwa għandu jikkoopera mal-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, u mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi terzi, u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. L-Artiklu 5.2 jistabbilixxi li l-BĊNi għandhom iwettqu, sa fejn hu possibbli, il-kompiti deskritti fl-Artiklu 5.1.

(4) L-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi tal-BĊE fil-qasam tal-istatistika esterna tista' tinġabar u/jew tiġi ikkumpilata minn awtoritajiet kompetenti oħrajn apparti l-BĊNi. Għaldaqstant, xi whud mill-kompiti li għandhom jitwettqu taħt din il-Linja Gwida jeħtieġu koperazzjoni bejn il-BĊE jew il-BĊNi u dawk l-awtoritajiet kompetenti. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jeżiġi li l-Istati Membri jorganizzaw irwieħhom fil-qasam tal-istatistika u biex jikkoperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ biex jiżguraw li jiġu sodisfatti l-obbligi li jirriżultaw mill-Artiklu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(5) Parti mill-informazzjoni statistika meħtieġa għandha x'taqsam mal-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, id-dħul relatat u l-qagħda internazzjonali tal-investiment, li għalihom l-Eurosistema hija primarjament responsabbli. Sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-obbligu tagħhom li jassistu lill-BĊE f'dan il-qasam, il-BĊNi għandu jkollhom il-kompetenza neċessarja dwar l-istatistika, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kunċetti, il-metodoloġija u l-ġbir, il-kumpilazzjoni, l-analiżi u t-trasmissjoni tad-dejta.

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
([2]) ĠU L 354, 30.11.2004, p. 34.

(6) Sa minn meta ġiet adottata l-Linja Gwida BĊE/2004/15, l-istandards internazzjonali tal-istatistika li huma r-referenza għall-kumpilazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali tal-investiment ġiet riveduta. B'mod partikolari, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ippubblika s-sitt edizzjoni tal-Manwal dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti u l-Qagħda Internazzjonali tal-Investiment (iktar il-quddiem il-"BPM6") u l-Kummissjoni Statistika tan-Nazzjonijiet Uniti rrevediet l-istandard internazzjonali tal-istatistika għall-kontijiet nazzjonali fl-aħħar verżjoni tagħha fl-2008 tas-Sistema ta' Kontijiet Nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet regolament dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ESA 2010) ([1]).

(7) Minħabba d-diffikultajiet inerenti fil-kumpilazzjoni ta' statistika dwar portafoll ta' investiment, ġie kkunsidrat li huwa meħtieġ li jiġu ddefiniti strateġiji komuni għall-ġbir ta' din l-informazzjoni fiż-żona tal-euro. Is-sistemi ta' ġbir ta' portafolji ta' investiment fiż-żona tal-euro għandhom jikkonformaw ma' standard komuni, jiġifieri wieħed mill-erba' mudelli li jinkludu, bħala minimu, il-ġabra ta' stokks trimestrali, titolu b'titolu, kif stabbilit fit-tabella li tinsab fl-Anness VI.

(8) Ir-rappurtaġġ tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet fl-attiv u/jew fil-passiv tar-residenti taż-żona tal-euro fil-konfront ta' residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro huwa meħtieġ sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' statistika tal-BĊE fil-qasam tal-portafolji ta' investiment (u d-dħul relatat). Din id-dejta tintuża sabiex jinġabru t-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet aggregati taż-żona tal-euro fil-passiv tal-portafolji ta' investiment u fid-debiti tad-dħul tal-portafolji ta' investiment. Dan huwa skont l-obbligi nazzjonali jew il-prattiċi stabbiliti.

(9) Statistika trimestrali dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali tal-investiment tintuża fil-kumpilazzjoni ta' kont għall-kumplament tad-dinja fil-kontijiet finanzjarji trimestrali taż-żona euro. Għal dan l-iskop ukoll, jeħtieġ li tinġabar u tiġi kkumpilata informazzjoni dwar tranżazzjonijiet u qagħdiet fir-rigward ta' residenti fi Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro kif deskritt f'dawn il-Linji Gwida.

(10) Ir-repożitorju tad-dejta ċentralizzat dwar it-titoli (iktar 'il quddiem is-"CSDB") titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊNi u tal-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn, soġġett għal liċenzja u restrizzjonijiet relevanti oħrajn. Is-CSDB għandu jkun is-sors ewlien ta' dejta ta' referenza dwar it-titoli li għandha tintuża fil-produzzjoni tagħhom tad-dejta meħtieġa għall-kumpilazzjoni tat-tranżazzjonijiet taż-żona tal-euro u statistika dwar il-qagħdiet li tirrigwarda l-portafolji ta' investiment. B'mod partikolari, billi tiġi kkombinata dejta mis-CSDB ma' dejta miġbura fuq bażi ta' titolu b'titolu, għandu jkun possibbli li jiġu kkompilati bi preċiżjoni tranżazzjonijiet u qagħdiet f'titoli ta' portafoll ta' investiment maħruġa minn residenti taż-żona tal-euro u miżmuma minn residenti fi Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro. Finalment, dan għandu jippermetti l-kumpilazzjoni ta' rendikont settorjali fir-rigward tad-dejta dwar il-passiv tal-portafoll ta' investiment fiż-żona tal-euro.

(11) Bħala kontribut għar-reviżjoni annwali tal-irwol internazzjonali tal-euro, id-dejta statistika dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet f'titoli ta' dejn ikklassifikata skont il-valuta hija meħtieġa sabiex jiġi evalwat l-irwol tal-euro bħala valuta ta' investiment.

(12) Is-SEBĊ teħtieġ statistika komprensiva biex tistma l-ammont ta' karti tal-flus tal-euro miżmuma minn entitajiet barra miż-żona tal-euro. Għal dan il-għan, informazzjoni statistika dwar it-trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bejn Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u pajjiżi barra miż-żona tal-euro hija ta' relevanza partikolari. Din l-istatistika hija neċessarja sabiex tiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tal-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro fir-rigward tal-ippjanar tal-produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro, l-immaniġġjar tal-kunsinna u l-koordinazzjoni tal-ħruġ u t-trasferiment ta' karti tal-flus tal-euro mill-BĊNi u l-BĊE skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. L-istatistika dwar il-karti tal-flus tal-euro tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tal-iżiluppi monetarji u fil-kambju barrani u hija meħtieġa biex tevalwa l-irwol tal-euro bħala munita ta' investiment barra miż-żona tal-euro.

(13) L-evalwazzjoni tal-kwalità għall-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment taż-żona tal-euro, kif ukoll il-mudell tar-riżervi internazzjonali, għandha ssir skont il-Qafas tal-Kwalità tal-Istatistika tal-BĊE. Il-BĊNi, b'kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn, fejn xieraq, għandhom jevalwaw il-kwalità tad-dejta li huma jikkontribwixxu.

(14) Skont l-Artikolu 3a tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 u l-Impenn Pubbliku dwar l-Istatistika Ewropew mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea mis-SEBĊ hija rregolata mill-prinċipji ta' imparzjalità, oġġettività, indipendenza professjonali, kost-effettività, kunfidenzjalità statistika, l-imminimizzar tal-piż ta' rapportaġġ u kwalità għolja tal-produttività.

(15) It-trażmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali mill-BĊNi lill-BĊE sseħħ sa fejn ikun meħtieġ u bid-dettall meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ. Fejn l-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi jkunu l-għajn tal-informazzjoni statistika indikata bħala kunfidenzjali, l-użu ta' din l-informazzjoni statistika kunfidenzjali mill-BĊE għandu jsir skont ir-Regolament (KE) Nru 2533/98.

([1]) COM(2010) 774 finali.

(16) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura biex isiru emendi tekniċi lill-Annessi ta' din il-Linja Gwida b'mod effettiv, kemm-il darba dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażiku, u lanqas ma jaffettwaw id-dmir ta' rapportaġġ tal-aġenti li jirrapportaw fl-Istati Membri. Għandhom jiġu meqjusal-fehmiet tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ meta tiġi segwita din il-proċedura. Il-BĊNi jistgħu jipproponu dawn l-emendi tekniċi permezz tal-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida:

1. "statistika esterna" tfisser l-istatistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali tal-investiment, il-mudell tar-riżervi internazzjonali u statistika dwar it-trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro;

2. "bilanċ tal-pagamenti" tfisser id-dikjarazzjoni statistika li tirrapporta, b'rendikont xieraq, it-tranżazzjonijiet internazzjonali matul il-perjodu li qed jiġi evalwat;

3. "qagħda internazzjonali tal-investiment" tfisser il-karta tal-bilanċ li tirrapporta, b'rendikont xieraq, l-istokk ta' assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji internazzjonali f'data ta' referenza;

4. "mudell tar-riżervi internazzjonali" tfisser id-dikjarazzjoni statistika li tirrapporta, b'rendikont xieraq, l-istokks ta' assi ta' riżerva, assi oħrajn f'munita barranija u l-obbligazzjonijiet relatati ma' riżervi tal-Eurosistema f'data ta' referenza;

5. "trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro" tfisser l-esportazzjoni u/jew l-importazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro;

6. "esportazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro" tfisser il-kunsinna ta' karti tal-flus tal-euro minn BĊN jew minn istituzzjoni monetarja finanzjarja (IMF) residenti fiż-żona tal-euro lil kwalunkwe persuna ġuridika barra miż-żona tal-euro;

7. "importazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro" tfisser il-kunsinna ta' karti tal-flus tal-euro lil BĊN jew lil IMF oħra residenti fiż-żona tal-euro minn kwalunkwe persuna ġuridika barra miż-żona tal-euro;

8. "resident" u "residenti" għandhom l-istess tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

9. "il-kumplament tad-dinja" tfisser l-organizzazzjonijiet internazzjonali u r-residenti kollha fit-territorji kollha minbarra fi Stat Membru speċifiku taż-żona tal-euro, li jaġixxu bħala kontropartijiet għar-residenti f'dak l-Istat Membru;

10 "tranżazzjoni internazzjonali" tfisser kwalunkwe tranżazzjoni li toħloq jew tifdi, għal kollox jew parzjalment, pretensjonijiet jew djun, jew kwalunkwe tranżazzjoni li timplika t-trasferiment ta' dritt fuq xi oġġett bejn persuni li huma residenti fi Stat Membru taż-żona tal-euro u persuni li mhumiex residenti f'dak l-Istat Membru;

11. "qagħdiet internazzjonali" tfisser il-istokk ta' pretensjonijiet finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji lejn persuni li mhumiex residenti fiż-żona tal-euro. Il-qagħdiet internazzjonali għandhom ikopru wkoll (a) artijiet, assi oħrajn tanġibbli u mhux maħluqa u assi oħra immobbli li jinsabu fiżikament barra Stat Membru taż-żona tal-euro u li huma l-propjetà ta' residenti ta' dak l-Istat Membru, u/jew li jinsabu fi Stat Membru taż-żona tal-euro u huma l-propjetà ta' persuni li mhumiex residenti; u (b) deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' ġbid tal-flus (DSP) li huma l-proprjeta' ta' residenti;

12. "rivalutazzjonijiet" tfisser iż-żamma ta' qligħ u telf fuq qagħdiet esterni li jirriżultaw minn bidliet għar-rata tal-kambju u/jew prezzijiet oħrajn;

13. "assi ta' riżerva" tfisser pretensjonijiet likwidi ħafna, negozjabbli u solvibbli miżmuma mill-Eurosistema fil-konfront ta' residenti barra ż-żona tal-euro u ddenominati f'muniti oħra minbarra l-euro, flimkien mad-deheb, il-qagħdiet ta' riżerva fl-IMF u l-holdings ta' DSP;

14. "assi oħrajn f'munita barranija" għandha tfisser (i) pretensjonijiet tal-Eurosistema fil-konfront ta' residenti taż-żona tal-euro ddenominati f'muniti oħra minbarra l-euro; u (ii) pretensjonijiet tal-Eurosistema fil-konfront ta' residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati f'muniti oħra minbarra l-euro li ma jissodisfawx il-kriterji tal-likwidità, in-negozzjabbiltà u l-affidabbiltà kreditizja ta' assi ta' riżerva;

15. "obbligazzjonijiet relatati mar-riżerva" għandha tfisser drains netti għal żmien qasir, iddeterminati minn qabel u eventwali fuq l-Eurosistema, li huma simili għall-assi ta' riżerva u għal assi oħrajn ta' valuta barranija tal-Eurosistema;

16. ġbir ta' dejta "titolu b'titolu" tfisser il-ġbir ta' dejta kklassifikata f'titoli individwali.

Artikolu 2

Obbligi statistiċi tal-BĊNi

1. Il-BĊNi għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-BĊE dejta dwar it-tranżazzjonijiet, il-qagħdiet u r-rivalutazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll dwar l-istokks tal-assi ta' riżerva, assi oħrajn f'munita barranija u l-obbligazzjonijiet relatati mar-riżerva li huma meħtieġa sabiex il-BĊE jkun jista' jikkumpila l-bilanċ tal-pagamenti u tal-istatistika dwar il-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, kif ukoll il-mudell tar-riżervi internazzjonali taż-żona tal-euro. Id-dejta għandha ssir disponibbli kif iddefinit fit-Tabelli 1 sa 5 tal-Anness II skont l-iskadenzi ddefiniti fl-Artikolu 3.

2. Il-BĊNi għandhom ipoġġu wkoll għad-dispożizzjoni tal-BĊE dejta dwar trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro kif iddefinit fit-Tabella 6 tal-Anness II. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw dejta dwar it-trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro meta l-aħjar stima tal-ammont totali tat-trasportazzjoni transkonfinali kollu matul is-sena preċedenti jkun jeċċedi EUR 1 000 miljun.

3. Id-dejta għandha tkun akkumpanjata b'informazzjoni li hija disponibbli fil-pront dwar avvenimenti kbar individwali u dwar raġunijiet għal reviżjonijiet, meta l-kobor tal-bidla għad-dejta kkawżata minn tali avvenimenti kbar individwali jew reviżjonijiet tkun sinifikanti jew meta dan jintalab mill-BĊE. Informazzjoni disponibbli dwar avvenimenti kbar individwali għandha tiġi skambjata wkoll ma' BĊNi oħrajn taż-żona tal-euro fil-qafas ta' arranġamenti eżistenti, pereżempju fil-kuntest ta' investiment dirett barrani.

4. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' kull xahar u dawk trimestrali u tal-qagħdiet trimestrali, id-dejta meħtieġa għandha tingħata lill-BĊE skont kif huwa stabbilit fl-Annessi I, II u III, b'mod konformi mal-istandards internazzjonali kurrenti, b'mod partikolari l-BPM6. Għall-mudell ta' kull xahar tar-riżervi internazzjonali, id-dejta meħtieġa għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE kif stipulat fl-Annessi I, II u III, li jikkonformaw ma' "Riżervi Internazzjonali u Likwidità ta' Munita Barranija: Linji Gwida għal Mudell ta' Dejta' tal-IMF".

5. Id-dejta meħtieġa dwar il-bilanċ tal-pagamenti għandha tiġi pprovduta kull xahar jew kull tlett xhur. Id-dejta meħtieġa dwar il-mudell tar-riżervi internazzjonali għandha tiġi pprovduta kull xahar. Id-dejta meħtieġa dwar il-qagħda internazzjonali tal-investiment għandha tiġi pprovduta fuq bażi trimestrali. Id-dejta meħtieġa dwar it-trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro għandha tiġi pprovduta kull xahar.

6. Is-sistemi ta' ġbir ta' portafoll ta' investiment għandhom jikkonformaw ma' wieħed mill-mudelli stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness VI.

7. Fil-każ ta' tkabbir taż-żona tal-euro, kemm il-BĊN ta' dak l-Istat Membru kif ukoll il-BĊNi tal-Istati Membri l-oħrajn kollha taż-żona tal-euro fiż-żmien meta dak l-Istat Membru jadotta l-euro għandhom jipprovdu lill-BĊE with b'dejta b'lura sabiex tkun tista' ssir il-kumpilazzjoni ta' aggregati li jkopru ż-żona tal-euro fil-kompożizzjoni l-ġdida tagħha. Dawn il-BĊNi għandhom jipprovdu dejta b'lura sa mill-2008 fuq il-bażi tal-aħjar stima. L-elementi u r-rendikonti li għandhom jiġu rrapportati għandhom jiġu deċiżi mill-Bord Eżekuttiv tal-BĊE fuq proposta mill-Kumitat tal-Istatistika tas-SEBĊ fuq bażi ta' każ b'każ.

Jekk l-Istat Membru li jadotta l-euro jkun ingħaqad mal-Unjoni wara l-2007, id-dejta b'lura għandha tkopri, bħala minimu, il-perjodu mid-data meta dak l-Istat Membru daħal fl-Unjoni.

8. Fil-każ ta' tkabbir taż-żona tal-euro, dawk l-Istati Membri taż-żona tal-euro li kienu parti minn unjoni monetarja għal perjodu qabel l-introduzzjoni fiżika tal-euro għandhom jipprovdu, għal dak il-perjodu, dejta b'lura għal dik l-unjoni monetarja bħala ħaġa sħiħa.

B'deroga mill-Artikolu 2(7), il-Banque centrale du Lussemburgu mhuwiex meħtieġ li jibgħat dejta b'lura għall-perjodu li jintemm f'Diċembru 2001. In-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għandu jibgħat informazzjoni b'lura konġunta għall-Belġju u l-Lussemburgu għall-perjodu li jintemm f'Diċembru 2001. L-istess proċedura hija applikata fil-każ ta' kwalunkwe informazzjoni b'lura li tirrigwarda perjodu qabel l-introduzzjoni fiżika tal-euro li hija meħtieġa f'każ ta' bidliet metodoloġiċi jew kwalunkwe modifika oħra fir-rekwiżiti.

Artikolu 3

Tempestività

1. Id-dejta meħtieġa għall-kumpilazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar taż-żona tal-euro u d-dejta dwar l-evalwazzjonijiet mill-ġdid tal-assi ta' riżerva taż-żona tal-euro titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE sas-2.00 p.m. Ħin Ċentrali Ewropew (CET) [1] tal-44 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tax-xahar li miegħu tkun relatata d-dejta.

2. Id-dejta meħtieġa għall-kumpilazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali u tal-qagħda internazzjonali tal-investiment trimestrali taż-żona tal-euro għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE sas-2.00 p.m ta':

(a) il-85 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun relatata d-dejta, mill-2014 sal-2016;

(b) it-82 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun relatata d-dejta, fl-2017 u l-2018;

(c) it-80 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun relatata d-dejta, mill-2019.

3. Id-dejta meħtieġa għall-kumpilazzjoni tal-mudell tar-riżervi internazzjonali tal-Eurosistema għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE sas-2.00 p.m. tal-10 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tax-xahar li miegħu tkun relatata d-dejta.

4. Id-dejta meħtieġa dwar it-trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro kif iddefinit fit-Tabella 6 tal-Anness II għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE sas-2.00 p.m. tal-35 jum tal-kalendarju wara t-tmiem tax-xahar li miegħu tkun relatata d-dejta.

5. Meta skadenza li għaliha ssir referenza fil-paragrafi 1 sa 4 tinzerta f'jum ta' għeluq ta' TARGET2, l-iskadenza għandha tiġi estiża għall-jum ta' ħidma ta' wara ta' TARGET2 [2].

6. Il-ġbir nazzjonali tad-dejta li għalih issir referenza fil-paragrafi 1 sa 5 għandu jiġi organizzat bil-għan li jintlaħqu dawn l-iskadenzi.

[1] Kull referenza għall-ħin f'din il-Linja ta' Gwida tirreferi għall-ħin ċentrali Ewropew (CET), li jieħu f'kunsiderazzjoni l-bidla għall-Ħin Ċentrali Ewropew tas-Sajf.

[2] Il-jiem ta' għeluq u ta' ħidma ta' TARGET2 jitħabbru fuq is-sit elettroniku tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu u fuq is-siti elettroniċi tal-Eurosistema.

Artikolu 4

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi

1. Meta s-sorsi tad-dejta kollha deskritti fl-Artikolu 2 jew parti minnha jkunu awtoritajiet kompetenti oħra minbarra l-BĊNi, il-BĊNi għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet xierqa ta' kooperazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet biex jiżguraw struttura permanenti għat-trażmissjoni tad-dejta li tissodisfa l-istandards tal-BĊE, b'mod partikolari dwar il-kwalità tad-dejta, u kwalunkwe rekwiżit ieħor tagħha kif stabbilit f'din il-Linja Gwida, ħlief jekk l-istess riżultat ikun diġà nkiseb mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. Fir-rigward tal-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, id-dħul relatat, u l-qagħda internazzjonali tal-investiment, il-BĊNi għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li l-kunċetti, il-metodoloġija u l-ġbir tad-dejta, il-kumpilazzjoni, l-analiżi u t-trasmissjoni f'dawn l-oqsma jkunu miżmuma u żviluppati.

3. Meta s-sorsi tal-informazzjoni statistika indikata bħala kunfidenzjali jkunu l-awtoritajiet kompetenti minbarra l-BĊNi, din l-informazzjoni għandha tintuża mill-BĊE b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 2533/98.

Artikolu 5

Standard ta' trażmissjoni

L-informazzjoni statistika mitluba għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE f'forma li tissodisfa l-obbligi stabbiliti fl-Anness IV.

Artikolu 6

Il-kwalità tal-informazzjoni statistika

1. Mingħajr preġudizzju għall-ħidmiet ta' sorveljanza tal-BĊE kif stabbiliti fl-Anness V, il-BĊNi għandhom, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra kif imsemmi fl-Artikolu 4 meta xieraq, jiżguraw li ssir sorveljanza u evalwazzjoni tal-kwalità tal-informazzjoni statistika li titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE. Il-BĊE jevalwa din id-dejta b'mod simili. L-evalwazzjoni għandha ssir fil-ħin. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jirrapporta kull sena lill-Kunsill Governattiv dwar il-kwalità tad-dejta.

2. L-evalwazzjoni tal-kwalità tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet ta' portafoll ta' investiment, kif ukoll dwar id-dħul relatat, hija soġġetta għal kopertura u kwalità suffiċjenti tal-informazzjoni dwar titoli fis-CSDB.

3. Meta d-dejta għal partita fit-Tabelli 1 sa 5 tal-Anness II tkun ta' daqs negliġibbli jew insinifikanti għall-istatistika taż-żona tal-euro u dawk nazzjonali, jew id-dejta għal dik il-partita ma tkunx tista' tinġabar bi spiża raġonevoli, għandhom jitħallew isiru l-aħjar estimi bbażati fuq metodoloġiji statistiċi sodi kemm-il darba ma jiġix kompromess il-valur analitiku tal-istatistika. Barra minn hekk, għandhom jitħallew isiru l-aħjar estimi għar-rendikonti li ġejjin fit-Tabelli 1, 2 u 6 tal-Anness II:

(a) subpartiti ta' dħul primarju fuq investiment ieħor;

(b) subpartiti ta' dħul primarju ieħor u ta' dħul sekondarju;

(c) subpartiti ta' trasferimenti kapitali fil-kont kapitali;

(d) rendikont ġeografiku ta' obbligazzjonijiet ta' derivattivi finanzjarji;

(e) krediti fuq dħul investit mill-ġdid fuq ishma f'fondi ta' investiment mingħajr kodiċi ISIN;

(f) rendikont ta' transportazzjoni transkonfinali bil-baħar ta' karti tal-flus skont id-denominazzjoni.

4. Is-sorveljanza mill-BĊE tal-kwalità tal-informazzjoni statistika tista' tinkludi skrutinju tar-reviżjonijiet li jkunu saru għal dik id-dejta: fl-ewwel lok, sabiex tiġi nkluża l-aħħar evalwazzjoni tal-informazzjoni statistika, b'hekk illi tittejjeb il-kwalità; fit-tieni lok, sabiex tiġi żgurata kemm jista' jkun konsistenza bejn il-partiti korrispondenti tal-bilanċ tal-pagamenti għal kull frekwenza differenti.

Artikolu 7

Proċedura ssimplifikata ta' emenda

Wara li jikkunsidra l-fehmiet tal-Kumitat ta' Statistika tas-SEBĊ, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkun intitolat li jagħmel emendi tekniċi lill-annessi ta' din il-Linja Gwida, kemm-il darba dawk l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali sottostanti, u lanqas ma jaffettwaw id-dmir ta' rapportaġġ tal-aġenti li jirrapportaw fl-Istati Membri.

Artikolu 8

L-ewwel trażmissjoni ta' dejta lill-BĊE

1. L-ewwel trażmissjoni ta' dejta dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-istatistika dwar il-qagħda internazzjonali tal-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali, għandha ssir f'Ġunju 2014.

2. L-ewwel trażmissjoni ta' dejta dwar it-trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro għandha ssir f'Marzu 2013.

Artikolu 9

Revoka

1. Il-Linja ta' Gwida BĊE/2004/15 hija rrevokata mill-1 ta' Ġunju 2014.

2. Ir-referenzi għal-Linja Gwida BĊE/2004/15 għandhom jinftehmu bħala referenzi għal din il-Linja ta' Gwida.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Marzu 2012.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(2), din il-Linja Gwida għandha tapplika mill-1 ta’ Ġunju 2014.

Artikolu 11

Destinatarji

Din il-Linja ta’ Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta’ Diċembru 2011.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI

ANNESS I

REKWIŻITI TA’ STATISTIKA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

1. Statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jeħtieġ statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti f’żewġ frekwenzi: ta’ kull xahar u ta’ kull tlett xhur fir-rigward tal-perjodu ta’ referenza korrispondenti tal-kalendarju. Id-dejta annwali tiġi kkumpilata billi tiġi magħduda flimkien id-dejta ta’ kull tlett xhur rapportata mill-Istati Membri għas-sena korrispondenti. Sa fejn ikun possibbli, l-istatistiċi dwar il-bilanċ tal-pagamenti għandhom ikunu konsistenti mal-istatistiċi l-oħrajn ipprovduti għat-tmexxija tal-politika monetarja.

1.1. *Statistika ta’ kull xahar tal-bilanċ tal-pagamenti*

S k o p

L-għan tal-bilanċ tal-pagamenti ta’ kull xahar taż-żona tal-euro huwa sabiex jintwerew l-elementi ewlenin li jaffettwaw l-kundizzjonijiet monetarji u s-swieq tal-kambju (ara l-Anness II, Tabella 1).

R e k w i ż i t i

Huwa essenzjali li d-dejta tkun adattata sabiex tintuża fil-kalkolu tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona tal-euro.

Minħabba t-terminu ta’ skadenza qasir għall-forniment tad-dejta ta’ kull xahar dwar il-bilanċ tal-pagamenti, in-natura ferm aggregata tagħhom u l-użu tagħhom għal skopijiet tal-politika monetarja u operazzjonijiet tal-kambju barrani, il-BĊE jippermetti xi devjazzjoni mill-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(4) ta’ din il-Linja ta’ Gwida), fejn dan ma jistax jiġi evitat. M’huwiex meħtieġ li jsir rapportaġġ fuq il-bażi ta’ dovuti jew transazzjonijiet sħaħ. Meta jkun meħtieġ sabiex tintlaħaq l-iskadenza, il-BĊE jaċċetta estimi jew dejta preliminari.

Dak li huwa meħtieġ għal kull kategorija wiesgħa ta’ transazzjonijiet huwa l-assi u l-obbligazzjonijiet (jew krediti u debiti għal partiti ta’ kont kurrenti). B’mod ġenerali dan jeħtieġ li l-BĊNi, f’dak li għandu x’jaqsam ma’ transazzjonijiet internazzjonali, jiddistingwi bejn transazzjonijiet ta’ Stati Membri oħra taż-żona tal-euro u transazzjonijiet barra ż-żona tal-euro. Il-BĊN jagħmlu dan b’mod konsistenti.

Meta s-sħubija taż-żona tal-euro tinbidel, il-BĊNi jkunu meħtieġa li jimplimentaw il-bidla fid-definizzjoni talkompożizzjoni ta’ pajjiżi taż-żona tal-euro mid-data meta tidħol fis-seħħ il-bidla fis-sħubija. L-aħjar estimi tad-dejta storika li tkopri ż-żona tal-euro mkabbra tintalab mingħand il-BĊNi taż-żona tal-euro kif kienet komposta qabel u mill-BĊNi tal-Istati Membri l-ġodda taż-żona tal-euro.

Sabiex tkun tista’ ssir aggregazzjoni siewja tad-dejta li għandha x’taqsam maż-żona tal-euro fuq bażi ta’ kull xahar fil-qasam tal-portafolji ta’ investiment, għandha ssir distinzjoni bejn transazzjonijiet f’titoli maħruġa minn persuni residenti fiż-żona tal-euro u transazzjonijiet f’titoli maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro. L-istatistiċi dwar it-transazzjonijiet netti f’assi ta’ portafolji ta’ investiment taż-żona tal-euro jiġu kkumpilati permezz tal-konsolidazzjoni tat-transazzjonijiet netti tal-passiv totali nazzjonali u t-transazzjonijiet netti f’titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Fir-rigward tad-dħul minn portafoll ta’ investiment, jiġu applikati rekwiżit ta’ rapportaġġ u metodu ta’ kumpilazzjoni analogi għad-dejta aggregata.

Bil-għan li tiġi kkumpilata l-preżentazzjoni monetarja tal-bilanċ tal-pagamenti, il-BĊNi huma meħtieġa jippreżentaw id-dejta mqassma skont kull settur istituzzjonali. Għar-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti ta’ kull xahar it-tqassim settorali huwa skont kif ġej:

— għal investiment dirett: (a) korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti ħlief għall-bank ċentrali; (b) fondi tas-suq tal-flus; (c) gvern ġenerali; (d) setturi oħrajn,

— għal assi ta’ portafoll ta’ investiment u investimenti oħrajn: (a) il-bank ċentrali; (b korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti ħlief għall-bank ċentrali; (c) fondi tas-suq tal-flus; (d) gvern ġenerali; (e) setturi oħrajn.

Bil-għan li jiġi kumpilat tqassim settorali tal-bilanċ tal-pagamenti, b’hekk li tkun tista’ ssir kostruzzjoni ta’ preżentazzjoni monetarja, il-BĊN huma meħtieġa jipprovdu dejta dwar transazzjonijiet netti f’titoli ta’ portafolji ta’ investiment maħruġa minn residenti taż-żona tal-euro mqassma skont is-settur istituzzjonali ta’ min ikun ħareġ it-titoli. Barra minn hekk, l-obbligazzjonijiet ta’ portafoll ta’ investiment għandom jinkludu analiżi statistika ta’ kull settur istituzzjonali ta’ min ikun ħareġ it-titoli fuq livell domestiku.

L-istatistiċi dwar it-transazzjonijiet netti f’obbligazzjonijiet ta’ portafolji ta’ investiment fiż-żona tal-euro mqassma skont is-settur għandhom imbagħad jiġu kkumpilati permezz ta’ konsolidazzjoni tal-obbligazzjonijiet netti totali tas-setturi rispettivi u t-transazzjonijiet netti korrispondenti f’titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Il-BĊNi (u awtoritajiet kompetenti oħrajn fejn xieraq) jiġbru dejta dwar investimenti f’portafolji skont wieħed mill-mudelli stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness VI.

1.2. *Statistiċi ta' kull tlett xhur tal-bilanċ tal-ħlasijiet*

S k o p

L-iskop tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull tlett xhur taż-żona tal-euro huwa li jagħti informazzjoni aktar ddettaljata sabiex tkun tista' ssir analiżi ulterjuri ta' transazzjonijiet internazzjonali.

Dawn l-istatistiċi jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet settorali u finanzjarji taż-żona tal-euro u għall-pubblikazzjoni konġunta tal-bilanċ tal-pagamenti tal-UE/żona tal-euro b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

R e k w i ż i t i

L-istatistiċi ta' kull tlett xhur tal-bilanċ tal-pagamenti jridu jikkonformaw kemm jista' jkun mal-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(4) ta' din il-Linja ta' Gwida). Ir-rendikont meħtieġ tal-istatistiċi ta' kull tlett xhur tal-bilanċ tal-pagamenti huwa preżentat fl-Anness II, Tabella 2. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet armonizzati użati fil-kontijiet tal-kapital u dawk finanzjarji huma preżentati fl-Anness III.

Ir-rendikont tal-kont kurrenti ta' kull tlett xhur huwa simili għal dak meħtieġ għaċ-ċifri ta' kull xahar. Madankollu, għad-dħul huwa meħtieġ rendikont aktar iddettaljat fuq bażi ta' kull tlett xhur.

Fil-kont finanzjarju, il-BĊE isegwi r-rekwiżiti tas-sitt edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti u tal-Qagħda internazzjonali tal-investiment tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-"BPM6") għall-partita "investiment ieħor". Hemm differenza fil-preżentazzjoni tar-rendikont (i.e. settur bħala l-ewwel prijorità). Ir-rendikont settorjali huwa madanakollu kumpatibbli mar-rendikont tal-BPM6 meta l-istrumenti jkollhom prijorità. Bħal fil-preżentazzjoni tal-BPM6, issir distinzjoni bejn munita u depożiti u self u investimenti oħrajn.

Il-BĊNi huma meħtieġa jiddistingwu bejn tranżazzjonijiet ma' Stati Membri taż-żona tal-euro u t-tranżazzjonijiet esterni l-oħrajn kollha. L-istatistiċi dwar transazzjonijiet netti f'assi ta' portafolji ta' investiment taż-żona tal-euro jiġu lkumpilati permezz ta' aggregazzjoni tat-transazzjonijiet netti rapportati f'titoli maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro. Statistika dwar transazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet ta' portafolji ta' investiment taż-żona tal-euro jiġu kkumpilati permezz ta' konsolidazzjoni ta' transazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet totali nazzjonali u transazzjonijiet netti f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Għar-rigward tad-dħul minn portafolji ta' investiment, jintużaw rekwiżit ta' rapportaġġ u metodu ta' kumpilazzjoni analogi għad-dejta aggregata.

Għal investiment dirett, il-BĊNi huma meħtieġa li jissottomettu kull tliet xhur ir-rendikont settorjali li ġej: (a) korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għall-bank ċentrali; (b) il-gvern ġenerali; (c) korporazzjonijiet finanzjarji minbarra IFMi; (d) korporazzjonijiet mhux finanzjarji, unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma jaħdmux bi qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi. Għall-partiti ta' "assi ta' portafoll ta' investiment" u "investiment ieħor" ir-rendikont tar-rapporti skont is-setturi istituzzjonali jsegwi l-komponenti standard tal-FMI li jinkludu (a) bank ċentrali; (b) korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għall-bank ċentrali; (c) fondi tas-suq monetarju; (d) gvern ġenerali; (e) korporazzjonijiet finanzjarji minbarra IFMi; (f) korporazzjonijiet mhux finanzjarji, unitajiet domestiċi, u istituzzjonijiet li ma jaħdmux bi qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi.

Għall-kompilazzjoni tal-istatistika dwar transazzjonijiet netti fiż-żona tal-euro f'obbligazzjonijiet ta' portafoll ta' investiment skont is-settur ta' emittenti li huma residenti fiż-żona tal-euro, ir-rekwiżiti għal dejta trimestrali huma simili għal dawk għall-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar.

B'mod konformi mas-sistema ta' kontijiet nazzjonali, il-BPM6 jirrakkomanda li l-imgħax għandu jiġi rreġistrat fuq bażi ta' dovuti. Dan ir-rekwiżit jaffettwa l-kont kurrenti (dħul minn investiment) kif ukoll il-kont finanzjarju.

2. **Mudell ta' riżervi internazzjonali**

S k o p

Il-mudell tar-riżervi internazzjonali huwa dikjarazzjoni ta' kull xahar tal-assi ta' riżerva, assi oħrajn ta' valuta barranija u obbligazzjonijiet relatati ma' riżervi miżmuma mill-BĊNi u l-BĊE skont il-mudell tal-FMI dwar Riżervi Internazzjonali u Likwidità ta' Muniti Barranin kif iddefiniti fil-manwal tal-FMI "Riżervi Internazzjonali u Likwidità ta' Muniti Barranin: Linji Gwida għal Mudell tad-Dejta". Din l-informazzjoni tikkumplimenta d-dejta dwar assi ta' riżerva inkluża fil-bilanċ tal-pagamenti taż-żona tal-euro.

R e k w i ż i t i

L-assi ta' riżerva taż-żona tal-euro huma krediti ferm likwidi, negozjabbli u b'affidabbiltà kreditizja miżmuma mill-BĊE ("riżervi komuni") u mill-BĊN ("riżervi mhux komuni") dwar persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro u denominati f'munita barranija (jiġifieri muniti oħrajn minbarra l-euro), flimkien ma' deheb, il-qagħdiet tar-riżervi fid-disponibbiltà tal-FMI u drittijiet speċjali ta' ġbir (DSP). Dawn jistgħu jinkludu l-qagħdiet netti f'derivattivi finanzjarji. Bħala regola ġenerali, l-assi ta' riżerva jiġu kkumpilati fuq bażi gross mingħajr ma jiġu skontati l-obbligazzjonijiet relatati mar-riżervi. Eċċezzjonalment, il-qagħdiet f'derivattivi finanzjarji għandhom jiġu rreġistrati fuq bażi netta. Ir-rendikont tad-dejta meħtieġa mill-BĊNi hija ppreżentata fl-Anness II, Tabella 3, Taqsima I.A.

L-assi tal-Eurosistema li huma ddenominati f'valuta barranija li ma jissodisfawx din id-definizzjoni, i.e. pretensjonijiet fuq residenti taż-żona tal-euro u assi miżmuma għal politika monetarja jew skopijiet oħrajn li mhumiex relatati ma' politiki tal-bilanċ tal-pagamenti jew tar-rata tal-kambju, huma inklużi taħt il-partita "assi oħrajn ta' valuta barranija" tal-mudell tar-riżervi internazzjonali (Anness II, Tabella 3, Taqsima I.B).

Il-krediti denominati f'euro kontra persuni mhux residenti u l-bilanċi f'valuta barranija miżmuma mill-gvernijiet tal-Istati Membri taż-żona tal-euro m'humiex meqjusa bħala assi ta' riżerva; dawn l-ammonti jitniżżlu mhumiex inklużi fil-mudell tar-riżervi tal-Eurosistema u huma rreġistrati bħala "investiment ieħor" fi ħdan il-qagħda internazzjonali tal-investiment jekk ikunu jirrappreżentaw krediti kontra persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro.

Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-passiv nett kemm jekk predeterminat kif ukoll jekk biss potenzjali tal-eurosistema li hija konnessa mal-assi ta' riżerva u l-assi oħrajn ta' valuta barranija tal-eurosistema, l-hekk imsejħa "obbligazzjonijiet relatati mar-riżervi", għandha tiġi rapportata taħt l-Anness II, Tabella 3, Taqsimiet II sa IV.

3. **Statistika dwar il-qagħda internazzjonali tal-investiment**

Skop

Il-qagħda ta' investiment internazzjonali hija dikjarazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet esterni taż-żona tal-euro fit-totalità tagħha, għall-finijiet tal-analiżi tal-politika monetarja u tas-suq tal-kambju. B'mod partikolari, din tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tal-vulnerabbiltà esterna tal-Istati membri u sabiex jiġu ssorveljati l-iżviluppi tal-investimenti f'assi likwidi barra mill-pajjiż mis-settur li għandu investimenti fi flus. Din l-informazzjoni statistika hija fundamentali għall-kumpilazzjoni tal-kont tal-kumplament tad-dinja fil-kont finanzjarju ta' kull tlett xhur taż-żona tal-euro u tista' tgħin ukoll fil-kumpilazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti.

Rekwiżiti

Il-BĊNi għandhom jipprovdu statistika dwar il-qagħda internazzjonali tal-investiment fuq bażi trimestrali fir-rigward tal-livelli tal-istokks fit-tmiem tal-perjodu u evalwazzjonijiet mill-ġdid dovuti għar-rata tal-kambju jew bidliet oħrajn fil-prezz.

Id-dejta dwar il-qagħda tal-investiment internazzjonali għandha tikkonforma kemm jista' jkun mal-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(3) ta' din il-Linja ta' Gwida). Il-BĊE jiġbor il-qagħda ta' investiment internazzjonali għaż-żona tal-euro fit-totalità tagħha. L-analiżi statistika tal-qagħda tal-investiment internazzjonali għaż-żona tal-euro hija ppreżentata fl-Anness II, Tabella 4.

Il-qagħda ta' investiment internazzjonali turi l-istokks finanzjarji fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza, stmata bi prezzijiet tat-tmiem tal-perjodu. Il-bidliet fil-valur tal-istokks jistgħu jkunu dovuti għall-fatturi li ġejjin. Fl-ewwel lok, parti mill-bidla fil-valur matul il-perjodu ta' referenza tista' tkun dovuta għat-transazzjonijiet finanzjarji li jkunu seħħu u li jkunu ġew imniżżla fil-bilanċ tal-pagamenti. Fit-tieni lok, parti mill-bidliet fl-istokks fil-bidu u fit-tmiem ta' perjodu partikolari jkunu kkawżati minn bidliet fil-prezzijiet tal-assi u l-obbligazjonijiet finanzjarji murija. Fit-tielet lok, f'każ li l-istokks ikunu denominati f'muniti differenti mill-unità tal-kont użata għall-qagħda tal-investiment internazzjonali, il-bidliet fir-rati tal-kambju fil-konfront ta' muniti oħrajn jaffettwaw ukoll il-valuri. Fl-aħħar nett, kull bidla oħra li ma tkunx dovuta għall-fatturi hawn fuq imsemmija jitqiesu li huma dovuti għal bidliet fil-volum matul il-perjodu.

Rikonċiljazzjoni kif suppost bejn iċ-ċirkolazzjonijiet u l-qagħdiet finanzjarji taż-żona tal-euro teħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-bidliet fil-valur dovuti minħabba l-prezz, bidliet fir-rati tal-kambju u bidliet fil-volum oħrajn.

Il-kopertura tal-qagħda ta' investiment internazzjonali għandha tkun kemm jista' jkun qrib ta' dik għaċċirkolazzjonijiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet trimestrali. Il-kunċetti, id-definizzjonijiet u r-rendikonti huma konformi ma' dawk użati għaċ-ċirkolazzjonijiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet trimestrali.

Kemm jista' jkun, id-dejta dwar il-qagħda ta' investiment internazzjonali għandha tkun konsistenti ma' statistiċi oħrajn, bħal statistiċi tal-flus u tal-attivitajiet bankarji, kontijiet finanzjarji u kontijiet nazzjonali.

Fir-rigward tal-bilanċ ta' pagamenti ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur, il-BĊNi huma meħtieġa jagħmlu distinzjoni fl-istatistiċi tagħhom tal-qagħda ta' investiment internazzjonali bejn pożizzjonijiet fil-konfront ta' Stati Membri taż-żona tal-euro u l-qagħdiet internazzjonali l-oħrajn kollha. Fil-kontijiet ta' portafolji ta' investiment, trid issir distinzjoni bejn pożizzjonijiet ta' titoli maħruġa minn residenti taż-żona tal-euro u titoli maħruġa minn persuni mhux residenti taż-żona tal-euro. L-istatistika dwar l-assi netti f'portafolji ta' investiment taż-żona tal-euro tiġi kkumpilata permezz ta' aggregazzjoni tal-assi netti f'titoli maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro. L-istatistika dwar l-obbligazzjonijiet netti f'portafolji ta' investiment fiż-żona tal-euro tiġi kkumpilata permezz ta' konsolidazzjoni tal-obbligazzjonijiet netti totali nazzjonali f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Assi u obbligazzjonijiet ta' investiment f'portafoll fi ħdan il-qagħda internazzjonali tal-investiment huma kkumpilati sempliċement mid-dejta dwar l-istokk.

Il-BĊNi (u awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-istatistika fejn xieraq) jiġbru, bħala minumu, stokks trimestrali ta' portafolji ta' investiment ta' assi u obbligazzjonijiet fuq il-bażi ta' titolu b'titolu skont wieħed mill-mudelli stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness VI.

4. **Evalwazzjonijiet mill-ġdid ta' kull xahar ta' assi ta' riżerva minħabba r-rata tal-kambju u bidliet oħrajn fil-prezz**

Skop

L-evalwazzjonijiet mill-ġdid ta' kull xahar tal-assi ta' riżerva taż-żona tal-euro jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni tal-vulnerabbiltà esterna taż-żona tal-euro.

Rekwiżiti

Il-BĊNi għandhom jipprovdu statistika dwar l-evalwazzjonijiet mill-ġdid ta' assi ta' riżerva dovuti għar-rata tal-kambju u bidliet oħrajn fil-prezzijiet fuq bażi ta' kull xahar. Din id-dejta tikkonforma ma' standards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(4) ta' din il-Linja ta' Gwida).

Ir-rendikont meħtieġ ta' dan ir-rapport huwa ppreżentat fl-Anness II, Tabella 5.

L-evalwazzjonijiet mill-ġdid ta' assi ta' riżerva juru l-qligħ jew it-telf mill-pussess, i.e. il-bidliet fil-valur monetarju ta' assi ta' riżerva li jsiru dovuti b'riżultat ta' bidliet fil-livell u l-istruttura tal-prezzijiet tagħhom.

5. **It-trasportazzjoni transkonfinali ta' kull xahar ta' karti tal-flus tal-euro skont id-denominazzjoni**

Skop

Is-SEBĊ teħtieġ statistika komprensiva sabiex tistma l-karti tal-flus tal-euro miżmuma minn entitajiet barra miż-żona tal-euro. Għal dan il-għan, informazzjoni statistika dwar it-trasportazzjoni transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bejn iż-żona tal-euro u pajjiżi barra miż-żona tal-euro hija ta' relevanza partikolari. Tali statistika hija neċessarja sabiex tiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet fiż-żona tal-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro fir-rigward tal-ippjanar tal-produzzjoni ta' karti tal-flus tal-euro, l-immaniġġjar ta' stokks u l-koordinazzjoni tal-ħruġ u t-trasferimenti ta' karti tal-flus tal-euro mill-BĊNi u l-BĊE skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. L-istatistika dwar it-trasportazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tal-iżviluppi monetarju u fil-kambju barrani u huma meħtieġa sabiex jiġi evalwat l-irwol tal-euro bħala munita ta' investiment barra miż-żona tal-euro.

Rekwiżiti

Il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet kull xahar ta' karti tal-flus tal-euro minn Stati Membri taż-żona tal-euro lejn/minn pajjiżi barra miż-żona tal-euro, kif speċifikat fl-Anness II, Tabella 6. Rendikont skont id-denominazzjoni huwa meħtieġ fuq il-bażi tal-aħjar stima.

ANNESS II

RENDIKONTI MEĦTIEĠA

Tabella 1

Bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar

	Kreditu	Debitu	
1. **Kont kurrenti** (1)			
Prodotti (2)	Ġeo 3 (3)	Ġeo 3	
Servizzi	Ġeo 3	Ġeo 3	
Dħul primarju			
Kumpens għall-impjegati	Ġeo 3	Ġeo 3	
Dħul minn investiment			
Investiment dirett			
Ekwità	Ġeo 3	Ġeo 3	
Li minnhom: li minnhom dħul investit mill-ġdid skont is-settur residenti (Settur 1) (4)	Ġeo 2	Ġeo 2	
Strumenti ta' dejn	Ġeo 3	Ġeo 3	
Portafoll ta' investiment			
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 3	Ġeo 1	
Titoli ta' dejn	Ġeo 3	Ġeo 1	
Investiment ieħor	Ġeo 3	Ġeo 3	
Li minnhom: imgħax	Ġeo 2	Ġeo 2	
Assi ta' riżerva	Ġeo 3	Ġeo 3	
Li minnhom: imgħax	Ġeo 2	Ġeo 2	
Dħul primarju ieħor	Ġeo 3	Ġeo 3	
Dħul sekondarju	Ġeo 3	Ġeo 3	
2. **Kont kapitali**	Ġeo 3	Ġeo 3	
	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Net
3. **Kont finanzjarju**			
Investiment dirett			
Ekwità skont is-settur residenti (Settur 1)	Ġeo 2	Ġeo 2	
Strumenti ta' dejn skont is-settur residenti (Settur 1)	Ġeo 2	Ġeo 2	
Portafoll ta' investiment			
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment			
Skont is-settur residenti (Settur 1)	Ġeo 2	Ġeo 1	
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 1)	Ġeo 2		
Titoli ta' dejn			
Fuq medda ta' żmien qasir			
Skont is-settur residenti (Settur 1)	Ġeo 2	Ġeo 1	
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 1)	Ġeo 2		

	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Net
Fuq medda ta' żmien twil			
Skont is-settur residenti (Settur 1)	Ġeo 2	Ġeo 1	
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 1)	Ġeo 2		
Derivattivi finanzjarji (minbarra riżervi) u opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati			Ġeo 2
Investiment ieħor			
Skont is-settur residenti (Settur 1)	Ġeo 2	Ġeo 2	
Li minnhom: munita u depożiti	Ġeo 2	Ġeo 2	
Assi ta' riżerva			
Deheb monetarju			
Bullion tad-deheb	Ġeo 1		
Kontijiet tad-deheb mhux allokati	Ġeo 1		
Drittijiet speċjali ta' ġbid (DSP)	Ġeo 1		
Pożizzjoni ta' riżerva fil-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI)	Ġeo 1		
Assi ta' riżerva oħrajn			
Munita u depożiti			
Pretensjonijiet kontra monetary authorities, the IMF and the Bank for International Settlements (BIS)	Ġeo 1		
Pretensjonijiet kontra entitajiet oħra (banek)	Ġeo 1		
Titoli			
Titoli ta' dejn			
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 1		
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 1		
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 1		
Derivattivi finanzjarji (net)	Ġeo 1		
Pretensjonijiet oħrajn	Ġeo 1		

(1) Kunċetti u definizzjonijiet ta' partiti magħżula huma speċifikati fil-Anness III.
(2) Jinkludi branding – aġġustament kważi kummerċ.
(3) Id-dettalji tar-rendikonti ġeografiċi meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 7.
(4) Id-dettalji tar-rendikonti istituzzjonali meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 8.

Tabella 2

Bilanċ tal-pagamenti trimestrali

	Kreditu	Debitu
1. **Kont kurrenti** (1)		
Prodotti	Ġeo 4 (2)	Ġeo 4
Merkanzija ġenerali fuq bażi ta' bilanċ tal-pagamenti (Btp)	Ġeo 3	Ġeo 3
Esportazzjonijiet netti ta' prodotti permezz ta' merchanting	Ġeo 3	
Prodotti akkwistati permezz ta' merchanting (kreditu negattiv)	Ġeo 3	
Prodotti mibjugħa permezz ta' merchanting	Ġeo 3	
Deheb mhux monetarju	Ġeo 3	Ġeo 3
Branding – aġġustament ta' kummerċ kważi-tranżitu	Ġeo 4	Ġeo 4

	Kreditu	Debitu
Servizzi	Ġeo 4	Ġeo 4
Servizzi ta’ manifattura fuq inputs fiżiċi li huma proprjetà ta’ ħaddieħor	Ġeo 4	Ġeo 4
Servizzi ta’ manutenzjoni u tiswija mhux inklużi band’oħra (n.i.e.)	Ġeo 4	Ġeo 4
Trasport	Ġeo 4	Ġeo 4
Vjaġġar	Ġeo 4	Ġeo 4
Kostruzzjoni	Ġeo 4	Ġeo 4
Servizzi ta’ assigurazzjoni u pensjoni	Ġeo 4	Ġeo 4
Servizzi finanzjarji	Ġeo 4	Ġeo 4
Servizzi ċċarġjati espliċitament u servizzi finanzjarji oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3
Servizzi ta’ intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM)	Ġeo 3	Ġeo 3
Ħlasijiet għall-użu ta’ proprjetà intellettwali n.i.e.	Ġeo 4	Ġeo 4
Servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, tal-kompjuter u tal-informazzjoni	Ġeo 4	Ġeo 4
Servizzi oħrajn tan-negozju	Ġeo 4	Ġeo 4
Servizzi ta’ riċerka u żvilupp	Ġeo 3	Ġeo 3
Servizzi ta’ konsulenza professjonali u dwar ġestjoni	Ġeo 3	Ġeo 3
Servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ u servizzi oħrajn tan-negozju	Ġeo 3	Ġeo 3
Servizzi personali, kulturali u ta’ divertiment	Ġeo 4	Ġeo 4
Prodotti u servizzi tal-gvern n.i.e.	Ġeo 4	Ġeo 4
Dħul primarju		
Kumpens għall-impjegati	Ġeo 4	Ġeo 4
Dħul minn investiment		
Investiment dirett		
Ekwità	Ġeo 4	Ġeo 4
Dividends u ġbir minn dħul ta’ kważi-korporazzjonijiet		
F’intrapriżi ta’ investiment dirett	Ġeo 3	Ġeo 3
F’investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 3	Ġeo 3
Bejn intrapriżi sħab	Ġeo 3	Ġeo 3
Skont is-settur residenti (Settur 2) ([3])	Ġeo 2	Ġeo 2
Dħul investit mill-ġdid	Ġeo 4	Ġeo 4
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2
Strumenti ta’ dejn	Ġeo 4	Ġeo 4
F’intrapriżi ta’ investiment dirett	Ġeo 3	Ġeo 3
F’investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 3	Ġeo 3
Bejn intrapriżi sħab	Ġeo 3	Ġeo 3
Li minnhom: imgħax		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2

	Kreditu	Debitu
Portafoll ta' investiment		
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 4	Ġeo 1
Titoli ta' ekwità		
Dividends		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2	
Ishma f'fond ta' investiment		
Dividends		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2	
Dħul investit mill-ġdid		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2	
Titoli ta' dejn		
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 4	Ġeo 1
Imgħax		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2	
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 4	Ġeo 1
Imgħax		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2	
Investiment ieħor	Ġeo 4	Ġeo 4
Ġbid minn dħul ta' kważi-korporazzjonijiet	Ġeo 3	Ġeo 3
Imgħax	Ġeo 3	Ġeo 3
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2
Li minnhom: imgħax fuq DSP		Ġeo 1
Li minnhom: imgħax qabel FISIM	Ġeo 3	Ġeo 3
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2
Dħul minn investiment attribwibbli lil detenturi ta' poloz f'assigurazzjoni, skemi tal-pensjoni, u skemi standardizzati ta' garanzija	Ġeo 3	Ġeo 3
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2
Assi ta' riżerva	Ġeo 3	
Li minnhom: imgħax	Ġeo 3	
Dħul primarju ieħor	Ġeo 4	Ġeo 4
Gvern ġenerali	Ġeo 3	Ġeo 3
Taxxi fuq il-produzzjoni u fuq l-importazzjonijiet	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Taxxi fuq prodotti	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni

	Kreditu	Debitu
Sussidji	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Sussidji fuq prodotti	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Oħrajn sussidji fuq il-produzzjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Kirjiet	Ġeo 3	Ġeo 3
Setturi oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3
Taxxi fuq il-produzzjoni u fuq l-importazzjonijiet	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Taxxi fuq prodotti	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Sussidji	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Sussidji fuq prodotti	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Kirjiet	Ġeo 3	Ġeo 3
Dħul sekondarju	Ġeo 4	Ġeo 4
Gvern ġenerali	Ġeo 3	Ġeo 3
Taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, eċċ.	Ġeo 3	Ġeo 3
Kontribuzzjonijiet soċjali	Ġeo 3	Ġeo 3
Benefiċċji soċjali	Ġeo 3	Ġeo 3
Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti	Ġeo 3	Ġeo 3
Li minnhom: fil-konfront tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ħlief għall-BĊE)	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Trasferimenti kurrenti mixxellanji	Ġeo 3	Ġeo 3
Taxxa fuq il-valur miżjud u riżorsi proprji grossi nazzjonali tal-Unjoni bbażati fuq dħul	Istituzzjonijiet tal-Unjoni	Istituzzjonijiet tal-Unjoni
Setturi oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3
Taxxi kurrenti fuq dħul, ġid, eċċ.	Ġeo 3	Ġeo 3
Kontribuzzjonijiet soċjali	Ġeo 3	Ġeo 3
Benefiċċji soċjali	Ġeo 3	Ġeo 3
Primjums netti tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja	Ġeo 3	Ġeo 3
Klejms tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja	Ġeo 3	Ġeo 3
Trasferimenti kurrenti mixxellanji	Ġeo 3	Ġeo 3
Li minnhom: Trasferimenti personali (bejn unitajiet domestiċi residenti u mhux residenti)	Ġeo 3	Ġeo 3
Li minnhom: ħlasijiet lill-ħaddiema	Ġeo 4	Ġeo 4
Aġġustament għal bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni	Ġeo 3	Ġeo 3
2. **Kont kapitali**	Ġeo 4	Ġeo 4
Akkwisti/ċessjonijiet grossi ta' assi finanzjarji mhux prodotti	Ġeo 3	Ġeo 3
Trasferimenti kapitali	Ġeo 3	Ġeo 3

		Kreditu	Debitu
Gvern ġenerali		Ġeo 3	Ġeo 3
Taxxi kapitali		Ġeo 3	Ġeo 3
Għotjiet għal investimenti		Ġeo 3	Ġeo 3
Trasferimenti kapitali oħrajn		Ġeo 3	Ġeo 3
Li minnhom: maħfra tad-dejn		Ġeo 3	Ġeo 3
Setturi oħrajn		Ġeo 3	Ġeo 3
Taxxi kapitali		Ġeo 3	Ġeo 3
Għotjiet għal investimenti		Ġeo 3	Ġeo 3
Trasferimenti kapitali oħrajn		Ġeo 3	Ġeo 3
Li minnhom: maħfra tad-dejn		Ġeo 3	Ġeo 3
	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett
3. **Kont finanzjarju**	Ġeo 1	Ġeo 1	
Investiment dirett	Ġeo 4	Ġeo 4	
Ekwità	Ġeo 4	Ġeo 4	
Ekwità minbarra investiment mill-ġdid ta' dħul			
F'intrapriżi ta' investiment dirett	Ġeo 3	Ġeo 3	
F'investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 3	Ġeo 3	
Bejn intrapriżi sħab	Ġeo 3	Ġeo 3	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	
Elenkati	Ġeo 2	Ġeo 2	
Mhux elenkati	Ġeo 2	Ġeo 2	
Oħrajn (eż. proprjetà immobbli)	Ġeo 2	Ġeo 2	
Investiment mill-ġdid ta' dħul	Ġeo 4	Ġeo 4	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	
Strumenti ta' dejn	Ġeo 4	Ġeo 4	
F'intrapriżi ta' investiment dirett	Ġeo 3	Ġeo 3	
F'investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 3	Ġeo 3	
Bejn intrapriżi sħab	Ġeo 3	Ġeo 3	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	
Portafoll ta' investiment	Ġeo 4	Ġeo 1	
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 4	Ġeo 1	
Titoli ta' ekwità			
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1	
Elenkati	Ġeo 2	Ġeo 1	
Mhux elenkati	Ġeo 2	Ġeo 1	

	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)			
Elenkati	Ġeo 2		
Mhux elenkati	Ġeo 2		
Ishma f'fond ta' investiment			
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1	
Li minnhom: investiment mill-ġdid ta' dħul	Ġeo 3	Ġeo 1	
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2		
Li minnhom: investiment mill-ġdid ta' dħul	Ġeo 2		
Titoli ta' dejn			
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 4	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1	
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2		
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 4	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1	
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2		
Derivattivi finanzjarji (minbarra riżervi) u opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati			
Skont is-settur residenti (Settur 2)			Ġeo 3
Investiment ieħor	Ġeo 4	Ġeo 4	
Skont is-settur residenti (Settur 1)	Ġeo 4	Ġeo 4	
Oħrajn ekwità	Ġeo 3	Ġeo 3	
Munita u depożiti			
Skont is-settur residenti (Settur 2)			
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 3	Ġeo 3	
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 3	Ġeo 3	
Self			
Skont is-settur residenti (Settur 2)			
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 3, FMI	Ġeo 3, FMI	
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 3, FMI	Ġeo 3, FMI	
Assigurazzjoni, skemi tal-pensjoni, u skemi ta' garanzija standardizzati			
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 3	

	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett
Krediti u ħlasijiet bil-quddiem tal-kummer			
Skont is-settur residenti (Settur 2)			
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 3	Ġeo 3	
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 3	Ġeo 3	
Kontijiet oħrajn riċevibbli/pagabbli			
Skont is-settur residenti (Settur 2)			
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 3	Ġeo 3	
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 3	Ġeo 3	
DSP		Ġeo 1	
Assi ta' riżerva	Ġeo 3		
4. **Partiti li jibbilanċjaw**			
Bilanċ fuq prodotti u servizzi			Ġeo 4
Bilanċ tal-kont kurrenti			Ġeo 1
Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (–) (bilanċ minn kont kurrenti u kapitali)			Ġeo 1
Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (–) (minn kont finanzjarju)			Ġeo 1
Żbalji u omissjonijiet netti			Ġeo 1

(1) Kunċetti u definizzjonijiet ta' partiti magħżula huma speċifikati fl-Anness III.
(2) Id-dettalji tar-rendikonti ġeografiċi meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 7.
(3) Id-dettalji tar-rendikonti istituzzjonali meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 8.

Tabella 3

Mudell ta' kull xahar tar-riżervi internazzjonali

I. *Assi uffiċjali ta' riżerva and assi oħrajn ta' valuta barranija (valur tas-suq approssimattiv)*

	All maturities
A. **Assi ta' riżerva** (1)	
Deheb monetarju (inklużi depożiti ta' deheb u tpartit ta' deheb)	
Li minnhom: deheb monetarju fi tpartit għal kollateral fi flus kontanti	Ġeo 0
Bullions tad-deheb	Ġeo 1 (2)
Memo: volum f'miljuni ta' fine troy ounces	Ġeo 1
Kontijiet tad-deheb mhux allokati	Ġeo 1
Memo: volum f'miljuni ta' fine troy ounces	Ġeo 1
DSP	Ġeo 1
Pożizzjoni ta' riżerva fil-FMI	Ġeo 1
Assi ta' riżerva oħrajn	
Munita u depożiti	
Pretensjonijiet kontra banek ċentrali oħrajn mhux taż-żona tal-euro, il-FMI u l-BIS	Ġeo 1

	All maturities
Pretensjonijiet kontra entitajiet (banek)	
Bi kwartjieri ġenerali fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro	Ġeo 1
Bi kwartjieri ġenerali barra Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro	Ġeo 1
Titoli	
Li minnhom: titoli taħt operazzjoni repo għal kollateral fi flus kontanti	Ġeo 0
Li minnhom: emittent bi kwartjieri ġenerali fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro	Ġeo 1
Titoli ta' dejn	
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 1
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 1
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 1
Derivattivi finanzjarji (netti)	Ġeo 1
Pretensjonijiet oħrajn	
Self mhux lil banek	Ġeo 1
Oħrajn	Ġeo 1
B. **Assi oħrajn f'muniti barranin (mhux inklużi fl-assi ta' riżerva)**	
Titoli	Ġeo 0
Depożiti	
Bi kwartjieri ġenerali fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro	Ġeo 0
Bi kwartjieri ġenerali barra minn Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro	Ġeo 0
Self	Ġeo 0
Derivattivi finanzjarji (netti)	Ġeo 0
Deheb	Ġeo 0
Oħrajn	Ġeo 0

II. *Predeterminati fuq tnaqqis nett ta' assi f'muniti barranin fuq medda ta' żmien qasir (valur nominali)*

	Maturità residwa		
	Sa xahar	Aktar minn xahar u sa tliet xhur	Aktar minn tliet xhur u sa sena
Self, titoli u depożiti f'muniti barranin	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Flussi 'l barra (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Prinċipal	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Imgħax	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Flussi 'l ġewwa (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Prinċipal	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Imgħax	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0

	Maturità residwa		
	Sa xahar	Aktar minn xahar u sa tliet xhur	Aktar minn tliet xhur u sa sena
Pożizzjonijiet qosra u twal f'forwards u futures f'muniti barranin fil-konfront tal-munita domestika (inkluża l-forward leg ta' tpartit ta' muniti)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjonijiet qosra (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjonijiet twal (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Oħrajn	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Flussi 'l barra relatati ma' repos (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Flussi 'l ġewwa relatati ma' repos bil-maqlub (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Krediti tal-kummerċ (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Krediti tal-kummerċ (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Kontijiet oħrajn pagabbli (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Kontijiet oħrajn riċevibbli (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
III. *Telf nett fuq medda ta' żmien qasir kontinġenti fuq assi f'muniti barranin*			
Obbligazzjonijiet kontinġenti f'munita barranija	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Garanziji kollaterali fuq dejn li jsir dovut fi żmien sena	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Obbligazzjonijiet kontinġenti oħrajn	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Titoli f'munita barranija maħruġa b'opzjonijiet inkorporati (puttable bonds)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Undrawn, unconditional credit lines provided minn:	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Awtoritajiet monetarji nazzjonali oħrajn, BIS, FMI, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Awtoritajiet monetarji nazzjonali oħrajn (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
BIS (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
FMI (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Awtoritajiet internazzjonali oħrajn (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Ma' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn bi kwartjieri ġenerali fil-pajjiż li jirrapporta (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Ma' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn bi kwartjieri ġenerali barra l-pajjiż li jirrapporta (+)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Undrawn, unconditional credit lines provided lil:	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Awtoritajiet monetarji nazzjonali oħrajn, BIS, FMI, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Awtoritajiet monetarji nazzjonali oħrajn (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
BIS (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
FMI (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Awtoritajiet internazzjonali oħrajn (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Ma' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn bi kwartjieri ġenerali fil-pajjiż li jirrapporta (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0

	Maturità residwa		
	Sa xahar	Aktar minn xahar u sa tliet xhur	Aktar minn tliet xhur u sa sena
Ma' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn bi kwartjieri ġenerali barra l-pajjiż li jirrapporta (–)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjonijiet qosra u twal aggregati ta' opzjonijiet f'muniti barranin fil-konfront tal-munita domestika	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjonijiet qosra	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Puts mixtrija	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Sejħiet miktuba	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjonijiet twal	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Sejħiet mixtrija	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Puts miktuba	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
PRO MEMORIA: Opzjonijiet in-the-money	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Bir-rati tal-kambju kurrenti	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni qasira	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni twila	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
+ 5 % (deprezzament ta' 5 %)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni qasira	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni twila	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
– 5 % (apprezzament ta' 5 %)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni qasira	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni twila	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
+ 10 % (deprezzament ta' 10 %)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni qasira	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni twila	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
– 10 % (apprezzament ta' 10 %)	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni qasira	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni twila	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Oħrajn	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni qasira	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0
Pożizzjoni twila	Ġeo 0	Ġeo 0	Ġeo 0

IV. *Partiti memo*

	Maturità residwa		
	Sa sena	Aktar minn sena	Il-maturitajiet kollha
Dejn f'munita domestika fuq medda ta' żmien indiċjat mar-rata tal-kambju (valur nominali)	Ġeo 0		
Strumenti finanzjarji denominati f'munita barranija u saldati b'mezzi oħra (eż., fil-munita domestika) (valur nominali)			Ġeo 0
Derivattivi finanzjarji (kuntratti ta' forwards, futures u options)			Ġeo 0

	Maturità residwa		
	Sa sena	Aktar minn sena	Il-maturitajiet kollha
Pożizzjonijiet qosra			Ġeo 0
Pożizzjonijiet twal			Ġeo 0
Strumenti oħrajn			Ġeo 0
Assi mirhuna			Ġeo 0
Inklużi f'assi ta' riżerva			Ġeo 0
Inklużi f'assi oħrajn ta' valuta barranija			Ġeo 0
Titoli mislufa u fuq repo (valur tas-suq)			Ġeo 0
Mislufa u mogħtija b'repo u inklużi fit-taqsima I (–)			Ġeo 0
Mislufa u mogħtija b'repo iżda mhux inklużi fit-taqsima I (–)			Ġeo 0
Mislufa jew akkwistati u inklużi fit-taqsima I (+)			Ġeo 0
Mislufa jew akkwistati iżda mhux inklużi fit-taqsima I (+)			Ġeo 0
Assi f'derivattivi finanzjarji (netti, immarkati għas-suq)			Ġeo 0
Forwards			Ġeo 0
Futures			Ġeo 0
Tpartit			Ġeo 0
Opzjonijiet			Ġeo 0
Oħrajn			Ġeo 0
Derivattivi finanzjarji (kuntratti ta' forward, futures, jew opzjonijiet) li għandhom maturità residwa ta' aktar minn sena (valur nominali)		Ġeo 0	
Pożizzjonijiet qosra u twal aggregati f'forwards u futures f'muniti barranin fil-konfront tal-munita domestika (inkluża l-forward leg ta' tpartit ta' muniti)		Ġeo 0	
Pożizzjonijiet qosra (–)		Ġeo 0	
Pożizzjonijiet twal (+)		Ġeo 0	
Pożizzjonijiet qosra u twal aggregate ta' opzjonijiet f'muniti barranin fil-konfront tal-munita domestika		Ġeo 0	
Pożizzjonijiet qosra (–)		Ġeo 0	
Puts mixtrija		Ġeo 0	
Sejħiet miktuba		Ġeo 0	
Pożizzjonijiet twal (+)		Ġeo 0	
Sejħiet mixtrija		Ġeo 0	
Puts miktuba		Ġeo 0	
Kompożizzjoni tal-munita ta' assi ta' riżerva (bi gruppi ta' muniti)			Ġeo 1
Muniti f'baskett ta' DSP			Ġeo 1
Muniti mhux f'baskett ta' DSP			Ġeo 1

(1) Kunċetti kif speċifikati fl-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.
(2) Id-dettalji tar-rendikonti ġeografiċi meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 7.

Tabella 4

Qagħda internazzjonali tal-investiment trimestrali

	Assi			Obbligazzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet minħabba tibdil fir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet minħabba bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet minħabba tibdil fir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet minħabba bidliet oħrajn fil-prezzijiet
Kont finanzjarju ([1])	Ġeo 1 ([2])			Ġeo 1		
Investiment dirett	Ġeo 4			Ġeo 4		
Ekwità	Ġeo 4	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 4	Ġeo 2	Ġeo 2
F'intrapriżi ta' investiment dirett	Ġeo 2			Ġeo 2		
F'investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 2			Ġeo 2		
Bejn intrapriżi sħab	Ġeo 2			Ġeo 2		
Skont is-settur residenti (Settur 2) ([3])	Ġeo 2			Ġeo 2		
Elenkati	Ġeo 2			Ġeo 2		
Mhux elenkati	Ġeo 2			Ġeo 2		
Oħrajn (eż. proprjetà immobbli)	Ġeo 2			Ġeo 2		
Strumenti ta' dejn	Ġeo 4	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 4	Ġeo 2	Ġeo 2
F'intrapriżi ta' investiment dirett	Ġeo 2			Ġeo 2		
F'investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 2			Ġeo 2		
Bejn intrapriżi sħab	Ġeo 2			Ġeo 2		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2			Ġeo 2		
Portafoll ta' investiment	Ġeo 4			Ġeo 1		
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 4			Ġeo 1		
Titoli ta' ekwità						
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3			Ġeo 1		
Elenkati	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Mhux elenkati	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)						
Elenkati	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2			
Mhux elenkati	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2			
Ishma f'fond ta' investiment						
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2			
Titoli ta' dejn						
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 4			Ġeo 1		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2			
Skont il-munita:						
Euro	Ġeo 2			Ġeo 1		
Dollaru Amerikan	Ġeo 2			Ġeo 1		
Muniti oħrajn	Ġeo 2			Ġeo 1		

	Assi			Obbligazzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet minħabba tibdil fir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet minħabba bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet minħabba tibdil fir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet minħabba bidliet oħrajn fil-prezzijiet
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 4			Ġeo 1		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
B'fidi dovut fi żmien sena jew inqas				Ġeo 1		
B'fidi dovut fi żmien aktar minn sena				Ġeo 1		
Skont is-settur kontroparti emittenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2			
B'fidi dovut fi żmien sena jew inqas	Ġeo 2					
B'fidi dovut fi żmien aktar minn sena	Ġeo 2					
Skont il-munita:						
Euro	Ġeo 2			Ġeo 1		
Dollaru Amerikan	Ġeo 2			Ġeo 1		
Muniti oħrajn	Ġeo 2			Ġeo 1		
Derivattivi finanzjarji (minbarra riżervi) u opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati	Ġeo 4			Ġeo 4		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 2
Investiment ieħor	Ġeo 4			Ġeo 4		
Skont is-settur residenti (Settur 1)	Ġeo 4			Ġeo 4		
Skont is-settur residenti (Settur 2)		Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2
Ekwità oħra	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2
Munita u depożiti	Ġeo 4	Ġeo 2		Ġeo 4	Ġeo 2	
Skont is-settur residenti (Settur 2)						
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 3			Ġeo 3		
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 3			Ġeo 3		
Self	Ġeo 4	Ġeo 2		Ġeo 4	Ġeo 2	
Skont is-settur residenti (Settur 2)						
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 3, FMI			Ġeo 3, FMI		
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 3, FMI			Ġeo 3, FMI		
Assigurazzjoni, skemi tal-pensjoni, u skemi ta' garanzija standardizzati		Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3			Ġeo 3		
Krediti tal-kummerċ u ħlasijiet bil-quddiem	Ġeo 4	Ġeo 2		Ġeo 4	Ġeo 2	
Skont is-settur residenti (Settur 2)						
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 3			Ġeo 3		
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 3			Ġeo 3		
Kontijiet oħrajn riċevibbli/pagabbli		Ġeo 2			Ġeo 2	
Skont is-settur residenti (Settur 2)						
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 3			Ġeo 3		
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 3			Ġeo 3		
DSP				Ġeo 1	Ġeo 1	

(1) Kunċetti u definizzjonijiet ta' partiti magħżula huma speċifikati fl-Anness III.
(2) Id-dettalji tar-rendikonti ġeografiċi meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 7.
(3) Id-dettalji tar-rendikonti istituzzjonali meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 8.

Tabella 5

Rivalutazzjonijiet ta' kull xahar ta' assi ta' riżerva

	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet
Assi ta' riżerva (1)		
Deheb monetarju		
Bullions tad-deheb		Ġeo 1 (2)
Kontijiet tad-deheb mhux allokati		Ġeo 1
DSP	Ġeo 1	
Pożizzjoni ta' riżerva fil-FMI	Ġeo 1	
Assi ta' riżerva oħrajn		
Munita u depożiti	Ġeo 1	
Titoli		
Titoli ta' dejn		
Fuq medda ta' żmien qasir	Ġeo 1	Ġeo 1
Fuq medda ta' żmien twil	Ġeo 1	Ġeo 1
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 1	Ġeo 1
Derivattivi finanzjarji (netti)		Ġeo 1
Pretensjonijiet oħrajn	Ġeo 1	Ġeo 1

(1) Kunċetti u definizzjonijiet ta' partiti magħżula huma speċifikati fl-Anness III.
(2) Id-dettalji tar-rendikonti ġeografiċi meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 7.

Tabella 6

Trasportazzjoni transkonfinali ta' kull xahar ta' karti tal-flus tal-euro

Esportazzjonijiet (totali)	Barra miż-żona tal-euro
Skont id-denominazzjoni:	
5 euro	Barra miż-żona tal-euro
10 euro	Barra miż-żona tal-euro
20 euro	Barra miż-żona tal-euro
50 euro	Barra miż-żona tal-euro
100 euro	Barra miż-żona tal-euro
200 euro	Barra miż-żona tal-euro
500 euro	Barra miż-żona tal-euro
Importazzjonijiet (totali)	Barra miż-żona tal-euro
Skont id-denominazzjoni:	
5 euro	Barra miż-żona tal-euro
10 euro	Barra miż-żona tal-euro
20 euro	Barra miż-żona tal-euro
50 euro	Barra miż-żona tal-euro
100 euro	Barra miż-żona tal-euro
200 euro	Barra miż-żona tal-euro
500 euro	Barra miż-żona tal-euro

Tabella 7

Rendikonti ġeografiċi

Ġeo 0	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 3	Ġeo 4
Domestiċi + il-bqija tad-dinja	Bqija tad-dinja	Bqija tad-dinja	Bqija tad-dinja	Bqija tad-dinja
		Fi ħdan iż-żona tal-euro	Fi ħdan iż-żona tal-euro	Fi ħdan iż-żona tal-euro
		Barra miż-żona tal-euro	Barra miż-żona tal-euro	Barra miż-żona tal-euro
			Fi ħdan l-Unjoni	Fi ħdan l-Unjoni
			Barra mill-Unjoni	Barra mill-Unjoni
				Stati Membri tal-Unjoni barra miż-żona tal-euro ([1])
				Il-Brażil
				Il-Kanada
				Iċ-Ċina
				Ħong Kong
				L-Indja
				Il-Ġappun
				Il-Federazzjoni Russa
				L-Isvizzera
				L-Istati Uniti
				Istituzzjonijiet tal-Unjoni (ħlief għall-BĊE)
				Il-Bank Ewropew tal-Investiment
				Ċentri finanzjarji offshore
				Organizzazzjonijiet internazzjonali (ħlief għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni)
				FMI

([1]) Huwa meħtieġ rendikont individwali għal kull pajjiż.

Tabella 8

Rendikonti skont is-settur

Settur 1	Settur 2
Bank Ċentrali	Bank Ċentrali
IFMi oħrajn	IFMi oħrajn
Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għall-bank ċentrali	Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għall-bank ċentrali
Fondi tas-suq tal-flus	Fondi tas-suq tal-flus
Gvern ġenerali	Gvern ġenerali
Setturi oħrajn	Setturi oħrajn
	Korporazzjonijiet finanzjarji minbarra IFMi
	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji, unitajiet domestiċi, u istituzzjonijiet li ma jagħmlux bi qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi

ANNESS III

KUNĊETTI U DEFINIZZJONIJIET LI GĦANDHOM JINTUŻAW FL-ISTATISTIKA TAL-BILANĊ TAL-PAGAMENTI U TAL-QAGĦDA TAL-INVESTIMENT INTERNAZZJONALI, U L-MUDELL TAR-RIŻERVI INTERNAZZJONALI

Sabiex titfassal statistika esterna aggregata sinifikanti għaż-żona tal-euro, il-kunċetti u d-definizzjonijiet ġew definiti fil-qasam tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti, fl-istatistika tal-qagħda tal-investiment internazzjonali u l-mudell tar-riżervi internazzjonali. L-istandards internazzjonali kurrenti, bħas-sitt edizzjoni tal-Manwal dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti u l-Qagħda tal-Investiment Internazzjonali tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) (minn hawn 'il quddiem il-"BPM6"), u l-Linji gwida tal-FMI għall-Mudell tad-Dejta dwar ir-Riżervi Internazzjonali u l-Likwidità tal-Munita Barranija, kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal regolament ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ESA 2010) ([1]) huma r-referenza għal dawn il-kunċetti u definizzjonijiet.

Fil-każ taż-żona tal-euro, it-territorju ekonomiku jinkludi: (i) it-territorju ekonomiku tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro; u (ii) il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), li huwa meqjus bħala unità residenti taż-żona tal-euro.

Il-bqija tad-dinja (Rest of the World - RoW) tinkludi l-pajjiżi terzi kollha u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi dawk li jinsabu fiżikament ġewwa ż-żona tal-euro. Minbarra l-BĊE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma meqjusa bħala residenti barra ż-żona tal-euro. Għaldaqstant, it-tranżazzjonijiet kollha tal-Istati Membri taż-żona tal-euro fil-konfront tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni minbarra l-BĊE huma rreġistrati u kklassifikati bħala tranżazzjonijiet barra ż-żona tal-euro fl-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda tal-investiment internazzjonali taż-żona tal-euro.

Fil-każijiet imniżżla hawn taħt, ir-residenza hija ddeterminata kif ġej:

(a) meta jagħmlu tranżazzjonijiet internazzjonali fl-art u/jew fil-bini (eż. djar għall-btajjel), is-sidien tal-proprjetà jiġu ttrattati daqs li kieku ttrasferew il-proprjetà tagħhom lil unità istituzzjonali kunċettwali li hija attwalment residenti fil-pajjiż fejn tinsab il-proprjetà. L-unità konċettwali tiġi ttrattata bħala proprjetà taħt il-kontroll tas-sid mhux residenti;

(b) fin-nuqqas ta' xi dimensjoni fiżika sinifikanti ta' entità legali, eż. fondi tal-investiment (kif distinti mill-maniġers tagħhom), mezzi ta' titolizzazzjoni, u ċerti entitajiet b'għan speċjali, ir-residenza tagħha hija ddeterminata skont it-territorju ekonomiku li taħt il-liġijiet tiegħu hija inkorporata l-entità. Jekk l-entità ma tkunx inkorporata, din hija meqjusa residenti fil-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tirregola l-ħolqien u l-eżistenza kontinwa tal-entità.

1. **Kunċetti u definizzjonijiet ta' partiti magħżula**

A. *Kont kurrenti*

Il-kont kurrenti juri l-flussi tal-prodotti, tas-servizzi, tad-dħul primarju u sekondarju bejn ir-residenti u dawk li m'humiex residenti.

1. **PRODOTTI**

Dan il-komponent ikopri prodotti mobbli li d-dritt ta' proprjetà fuqhom jiġi ttrasferit bejn residenti u mhux residenti.

1.1. Merkanzija ġenerali fuq bażi ta' bilanċ ta' pagamenti

Merkanzija ġenerali fuq bażi ta' bilanċ ta' pagamenti (Btp) tkopri prodotti li d-dritt ta' proprjetà ekonomika fuqhom jiġi ttrasferit bejn residenti u mhux residenti u li m'humiex inklużi f'kategoriji speċifiċi oħrajn, bħal prodotti permezz ta' merchanting (ara 1.2) u deheb mhux monetarju (ara 1.3), jew bħala parti minn servizz. Il-merkanzija ġenerali għandha titkejjel fil-valur tas-suq fuq bażi *free on board* (FOB). Fil-kontribuzzjoni tal-pajjiżi għall-kumpilazzjoni tal-aggregati tal-Unjoni, għandhom ikunu inklużi l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti f'kummerċ kważi-tranżitu u, għall-kummerċ fl-Unjoni, il-pajjiż sieħeb għandu jkun definit skont il-prinċipju ta' kunsinna.

1.2. Esportazzjonijiet netti ta' prodotti permezz ta' merchanting

In-negozjar huwa definit bħala x-xiri ta' prodotti minn resident (tal-ekonomija dikjaranti) mingħand xi ħadd li m'huwiex residenti, flimkien mal-bejgħ sussegwenti tal-istess prodotti lil xi ħadd ieħor li m'huwiex residenti mingħajr ma l-prodotti jidħru fl-ekonomija dikjaranti. L-esportazzjonijiet netti tal-prodotti permezz ta' merchanting jirrappreżentaw id-differenza bejn il-bejgħ u x-xiri ta' prodotti għan-negozjar. Din il-partita tinkludi l-marġini tan-negozjanti, qligħ u telf mill-azjendi, u bidliet fl-inventarji ta' prodotti permezz ta' merchanting.

1.2.1. PRODOTTI AKKWISTATI PERMEZZ TA' MERCHANTING

Il-prodotti akkwistati permezz ta' merchanting jintwerew bħala esportazzjoni negattiva/kreditu tal-ekonomija tan-negozjant.

([1]) COM(2010) 774 finali.

1.2.2. PRODOTTI MIBJUGĦA PERMEZZ TA' MERCHANTING

Il-bejgħ ta' prodotti jintwera taħt **prodotti mibjugħa permezz ta' merchanting** bħala esportazzjoni pożittiva/kreditu tal-ekonomija tan-negozjant.

1.3. Deheb mhux monetarju

Id-deheb mhux monetarju jkopri d-deheb kollu minbarra d-deheb monetarju. Id-deheb monetarju huwa proprjetà ta' awtoritajiet monetarji u miżmum bħala assi ta' riżerva (ara 6.5.1). Id-deheb mhux monetarju jista' jkun fl-għamla ta' ingotti (jiġifieri muniti, ingotti, jew vireg b'purità ta' mill-inqas 995 parti għal kull 1 000, inkluż deheb miżmum f'kontijiet tad-deheb allokati), trab tad-deheb, u deheb f'għamliet oħrajn mhux maħdumin jew semi-manifatturati.

1.4. Markar – aġġustament ta' kummerċ kważi-tranżitu

Kummerċ kważi-tranżitu huwa terminu użat sabiex jiddefinixxi prodotti importati fi Stat Membru, illiberati mid-dwana għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni (u soġġetti għal dazji ta' importazzjoni) minn entità li mhijiex meqjusa bħala unità istituzzjonali residenti, u li mbagħad jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor.

L-immarkar għandu jkun irreġistrat mill-Istati Membri affettwati mill-"kummerċ kważi-tranżitu" sabiex jirrappurtaw id-differenza bejn il-valur ta' merkanzija ġenerali ddikjarat meta l-prodotti jiġu importati inizjalment minn pajjiż terz u l-valur tagħhom meta jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor. L-analiżi ġeografika għandha tkun ikkompilata fuq il-bażi tal-pajjiż ta' residenza tal-intrapriża prinċipali li tikkontrolla l-kumpanija li tmexxi l-proċedura tad-dwana relatata ma' dawn l-prodotti fl-ekonomija li tirrapporta.

2. **SERVIZZI**

Is-servizzi huma r-riżultat ta' attività ta' produzzjoni li tibdel il-kundizzjonijiet tal-unitajiet konsumaturi, jew tiffaċilita l-iskambju ta' prodotti jew assi finanzjarji. Is-servizzi ġeneralment ma jkunux prodotti separati li fuqhom jistgħu jiġu stabbiliti d-drittijiet ta' sjieda u ġeneralment ma jistgħux ikunu separati mill-produzzjoni tagħhom.

2.1. Servizzi ta' manifattura fuq inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor

Is-servizzi ta' manifattura fuq inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor jkopru l-ipproċessar, l-immuntar, it-tikkettar, l-ippakkjar, u oħrajn, li jsiru minn intrapriżi li m'humiex il-proprjetarji tal-prodotti kkonċernati. Il-manifattura ssir minn entità li tirċievi ħlas mill-proprjetarju. Minħabba li l-proprjetà tal-prodotti ma tinbidilx, ma tiġi rreġistrata l-ebda tranżazzjoni ta' merkanzija ġenerali bejn il-proċessur u l-proprjetarju. Il-valur tal-ħlasijiet mitluba għal manifatturar fuq inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor m'huwiex neċessarjament l-istess bħad-differenza bejn il-valur tal-prodotti mibgħuta għall-ipproċessar u l-valur tal-prodotti wara l-ipproċessar. Huma esklużi l-immuntar ta' kostruzzjoni prefabbrikata (inkluż fil-kostruzzjoni) u t-tikkettar u l-ippakkjar li jseħħ fit-trasport (inkluż fit-trasport).

2.2. Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija mhux inklużi x'imkien ieħor

Is-servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija mhux inklużi x'imkien ieħor ikopru x-xogħol ta' manutenzjoni u tiswija minn residenti fuq prodotti li huma proprjetà ta' xi ħadd mhux residenti (u viċe versa). It-tiswijiet jistgħu jsiru fil-bini ta' min isewwi jew f'xi post ieħor. Il-valur tal-manutenzjoni u tat-tiswija jinkludi kwalunkwe parti jew materjal fornut minn min isewwi u inkluż fl-ispejjeż. Il-partijiet u l-materjal li għalihom jintalab ħlas separat għandhom ikunu inklużi fil-merkanzija ġenerali. It-tiswijiet u l-manutenzjoni fuq bastimenti, ajruplani u tagħmir tat-trasport ieħor huma inklużi f'din il-partita. It-tindif ta' tagħmir tat-trasport huwa eskluż peress li huwa inkluż fis-servizzi tat-trasport. Il-manutenzjoni u t-tiswija tal-kostruzzjoni huma esklużi peress li huma inklużi taħt il-kostruzzjoni. Il-manutenzjoni u t-tiswija tal-kompjuters huma esklużi peress li huma inklużi taħt is-servizzi ta' telekomunikazzjoni, kompjuters u informazzjoni.

2.3. Trasport

It-trasport huwa l-proċess ta' ġarr ta' persuni u prodotti minn post għal ieħor, kif ukoll servizzi ta' appoġġ u servizzi awżiljarji relatati. It-trasport jinkludi wkoll is-servizzi postali u bil-kurrier. Is-servizzi tat-trasport huma rreġistrati fil-bilanċ tal-pagamenti meta pprovduti minn residenti ta' ekonomija waħda għall-benefiċċju ta' ekonomija oħra.

2.4. Vjaġġar

Il-krediti tal-ivvjaġġar ikopru prodotti u servizzi għall-użu personali, jew li jingħataw lil ħaddieħor, akkwistati mingħand ekonomija minn dawk mhux residenti waqt żjajjar f'dik l-ekonomija. Id-debiti tal-ivvjaġġar ikopru prodotti u servizzi għall-użu personali, jew li jingħataw lil ħaddieħor, akkwistati mingħand ekonomiji oħrajn minn residenti waqt żjajjar f'dawn l-ekonomiji oħrajn. L-ivvjaġġar jinkludi t-trasport lokali (jiġifieri t-trasport fl-ekonomija li fiha qiegħda ssir iż-żjara u pprovdut minn resident ta' dik l-ekonomija), iżda jeskludi t-trasport internazzjonali (li huwa inkluż fit-trasport). Huma esklużi ukoll prodotti mixtrija minn vjaġġatur għall-bejgħ fl-ekonomija tal-vjaġġatur stess jew f'xi ekonomija oħra.

2.5. Kostruzzjoni

Il-kostruzzjoni tkopri l-ħolqien, ir-restawr, it-tiswija jew l-estensjoni ta' assi fissi fis-sura ta' bini, titjib ta' inġinerija fl-art u kostruzzjonijiet oħrajn tal-inġinerija (inklużi toroq, pontijiet, digi, eċċ.). Din tinkludi l-installazzjoni u xogħol ta' mmuntar relatati, it-tħejjija tas-sit u kostruzzjoni ġenerali, servizzi speċjalizzati bħal żebgħa, plumbing u twaqqigħ, u l-ġestjoni ta' proġetti ta' kostruzzjoni. Il-kuntratti ta' kostruzzjoni koperti fil-kummerċ internazzjonali fis-servizzi huma ġeneralment fuq żmien qasir. Proġett ta' kostruzzjoni fuq skala kbira kkuntrattati minn intrapriża mhux residenti li jieħu sena jew aktar sabiex jitlesta normalment iwassal għal fergħa residenti.

2.6. Servizzi ta' assigurazzjoni u pensjoni

Din tinkludi assigurazzjoni diretta, riassigurazzjoni, servizzi tal-assigurazzjoni awżiljarji, servizzi ta' pensjoni u servizzi ta' garanzija standardizzata. Dawn is-servizzi huma stmati jew ivvalutati mill-ħlasijiet fuq is-servizzi inklużi fil-poloz totali aktar milli fuq il-valur totali tal-polza.

2.7. Servizzi finanzjarji

Servizzi finanzjarji jkopru servizzi intermedjarji u awżiljarji, ħlief servizzi ta' assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet, li normalment huma pprovduti mill-banek u minn korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn.

2.7.1. SERVIZZI LI GĦALIHOM JINTALBU ĦLASIJIET ESPLIĊITI U SERVIZZI FINANZJARJI OĦRAJN

Is-servizzi jintalbu ħlasijiet espliċiti għalihom fil-każ ta' bosta servizzi finanzjarji u ma jeħtieġu l-ebda kalkolu speċjali. Dawn jinkludu ħlasijiet għat-teħid ta' depożitu u self, ħlasijiet għal garanziji ta' darba, ħlasijiet jew penali għal ħlasijiet lura kmieni jew tard, ħlasijiet għall-kontijiet, ħlasijiet relatati ma' ittri ta' kreditu, servizzi ta' kards ta' kreditu, kummissjonijiet u ħlasijiet relatati ma' kiri finanzjarju, fatturazzjoni, sottoskrizzjoni, u kklerjar ta' pagament. Huma inklużi wkoll is-servizzi ta' konsulenza finanzjarja, il-kustodja ta' assi finanzjarji jew ta' ingotti, il-ġestjoni tal-assi finanzjarji, is-servizzi ta' moni-toraġġ, is-servizzi ta' provvista ta' likwidità, is-servizzi ta' assunzjoni ta' riskji (minbarra assigurazzjoni), is-servizzi ta' amalgamazzjoni u akkwist, is-servizzi ta' klassifikazzjoni ta' kreditu, is-servizzi tal-borża u s-servizzi fiduċjarji. Intermed-jarji fi strumenti finanzjarji jistgħu jitolbu ħlasijiet, sħaħ jew parti minnhom, għas-servizzi tagħhom billi jkollhom firxa bejn il-prezzijiet tax-xiri u tal-bejgħ tagħhom. Il-marġini fuq it-tranżazzjonijiet ta' xiri u ta' bejgħ huma inklużi f'servizzi li għalihom jintalbu ħlasijiet espliċiti u servizzi finanzjarji oħrajn.

2.7.2. SERVIZZI FINANZJARJI INTERMEDJARJI MKEJLA B'MOD INDIRETT (FISIM)

L-imgħax kurrenti jista' jitqies li jinkludi kemm element ta' dħul kif ukoll ħlas għal servizz. Dawk li jsellfu u dawk li jieħdu d-depożiti joperaw billi jipprovdu lil dawk li jiddepożitaw rati ta' imgħax aktar baxxi mir-rati li jitolbu lil dawk li jisselfu. Il-marġini ta' imgħax li jirriżultaw jintużaw mill-korporazzjonijiet finanzjarji sabiex iħallsu l-ispejjeż tagħhom u sabiex jipprovdu bilanċ operattiv. B'konswetudni, dawn il-ħlasijiet indiretti mitluba fir-rigward tal-imgħax japplikaw biss għal self u depożiti, u biss meta dak is-self u dawk id-depożiti huma pprovduti minn, jew iddepożitati ma', korporazzjonijiet finanzjarji.

2.8. Ħlasijiet għall-użu ta' proprjetà intellettwali mhux inklużi x'imkien ieħor

Ħlasijiet għall-użu ta' proprjetà intellettwali mhux inklużi x'imkien ieħor jinkludu:

(a) ħlasijiet għall-użu ta' drittijiet proprejtarji (bħal privattivi, trademarks, drittijiet tal-awtur, proċessi industrijali u disinni inklużi sigrieti tal-kummerċ u franchises). Dawn id-drittijiet jistgħu jinħolqu mir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll mill-marketing; u

(b) ħlasijiet għal liċenzji għar-riproduzzjoni jew għad-distribuzzjoni ta' proprjetà intellettwali inkorporati fi prodotti oriġinali jew prototipi (bħal drittijiet tal-awtur fuq kotba u manuskritti, softwer tal-kompjuter, xogħlijiet ċinemato-grafiċi, u reġistrazzjonijiet tal-ħoss) u drittijiet relatati (bħal għal wirjiet diretti u għal xandir fuq it-televiżjoni, bil-kejbil jew bis-satellita).

2.9. Servizzi ta' telekomunikazzjoni, kompjuters u informazzjoni

Is-servizzi ta' telekomunikazzjoni jinkludu t-trażmissjoni tal-ħoss, tax-xbihat jew informazzjoni oħra bit-telefon, telex, telegramma, radju u televiżjoni bil-kejbil u xandir, satelliti, posta elettronika, servizzi ta' fax eċċ., inklużi servizzi ta' netwerks ta' negozju, telekonferenzi u servizzi ta' appoġġ. Dawn ma jinkludux il-valur tal-informazzjoni trasportata. Huma inklużi ukoll is-servizzi ta' telekomunikazzjoni ċellulari, servizzi ta' backbone tal-Internet u servizzi ta' aċċess on-line, inkluża l-provvista tal-aċċess għall-Internet. M'humiex inklużi s-servizzi ta' installazzjoni għat-tagħmir tan-netwerks tat-telefon minħabba li dawn huma inklużi fil-kostruzzjoni.

Is-servizzi tal-kompjuter jikkonsistu f'servizzi relatati mal-ħardwer u/jew mas-softwer, u servizzi ta' pproċessar ta' dejta. Huma inklużi ukoll servizzi ta' konsulenza u implimentazzjoni tas-softwer; manutenzjoni u tiswija ta' kompjuters u apparat periferali; servizzi ta' rkupru minn diżastri, għoti ta' pariri u assistenza fuq kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni ta' riżorsi tal-kompjuter; l-analiżi, id-disinn u l-ipprogrammar ta' sistemi lesti għall-użu (inklużi l-iżvilupp u d-disinn ta' paġni tal-web), u konsulenzi tekniċi relatati ma' softwer; liċenzji sabiex jintuża softwer mhux personalizzat; l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-forniment u d-dokumentazzjoni ta' softwer personalizzat, inklużi sistemi operattivi magħmula skont l-ordni ta' utenti speċifiċi; sistemi ta' manutenzjoni u servizzi oħra ta' appoġġ, bħal taħriġ ipprovdut bħala parti minn konsulenza; servizzi ta' pproċessar ta' dejta, bħad-dħul ta' dejta, it-tabulazzjoni u l-ipproċessar fuq bażi ta' time-sharing;

servizzi ta' ospitar ta' paġni tal-web (i.e., il-forniment ta' spazju fuq server fuq l-Internet għal paġni tal-web tal-klijenti); u ġestjoni ta' faċilitajiet tal-kompjuter. M'humiex inklużi l-ħlasijiet għal-liċenzji sabiex jiġi riprodott u/jew distribwit is-softwer li huma inklużi fil-ħlasijiet għall-użu tal-proprjetà intellettwali mhux inklużi x'imkien ieħor. Il-kiri ta' kompjuters mingħajr operatur huwa inkluż fis-servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ u negozji oħrajn.

Is-servizzi tal-informazzjoni jinkludu servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet, servizzi ta' repożitorji tad-dejta (it-tfassil ta' repożitorji tad-dejta, il-ħażna ta' dejta u t-tixrid ta' dejta u repożitorji tad-dejta inklużi listi tad-direttorji u tal-posta), kemm online kif ukoll permezz ta' mezzi manjetiċi, ottiċi jew stampati; u portals ta' tfittxija fuq il-web (servizzi ta' magni ta' tfittxija li jsibu indirizzi tal-Internet għal klijenti li jdaħħlu kliem ta' tfittxija). Huma inklużi wkoll abbonamenti diretti, mhux bl-ingrossa għal gazzetti u rivisti, kemm bil-posta, bi trasmissjoni elettronika jew b'mezzi oħra; servizzi oħrajn ta' provvista ta' kontenut online; u servizzi ta' librerija u arkivji. Il-gazzetti u r-rivisti bl-ingrossa huma inklużi taħt merkanzija ġenerali.

2.10. Servizzi oħra ta' negozju

Din tinkludi: servizzi ta' riċerka u żvilupp, servizzi ta' konsulenza professjonali u ta' ġestjoni, servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ, u servizzi ta' negozju oħrajn.

2.10.1. SERVIZZI TA' RIĊERKA U TA' ŻVILUPP

Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp tikkonsisti f'servizzi li huma assoċjati ma' riċerka bażika, riċerka applikata u żvilupp sperimentali ta' prodotti u proċessi ġodda. Fil-prinċipju, dawn l-attivitajiet fix-xjenzi fiżiċi, xjenzi soċjali, u studji umanistiċi huma koperti f'din il-kategorija, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi operattivi li jirrappreżentaw avvanzi teknoloġiċi. Inkluża wkoll hija r-riċerka kummerċjali relatata mal-elettronika, mal-farmaċewtika u mal-bijoteknoloġija.

2.10.2. SERVIZZI TA' KONSULENZA PROFESSJONALI U TA' ĠESTJONI

Servizzi ta' konsulenza professjonali u ta' ġestjoni jinkludu: (a) servizzi legali, kontabilità, konsulenza dwar ġestjoni, servizzi maniġerjali u servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi; u (b) servizzi ta' reklamar, riċerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika.

2.10.3. SERVIZZI TEKNIĊI, RELATATI MAL-KUMMERĊ, U SERVIZZI TA' NEGOZJU OĦRAJN

Dawn jinkludu: (a) servizzi ta' arkitettura, ta' inġinerija, servizzi xjentifiċi u servizzi tekniċi oħrajn, (b) trattament tal-iskart u tindif tat-tniġġis, servizzi agrikoli u servizzi relatati mal-minjieri, (c) servizzi ta' kiri operattivi, (d) servizzi relatati mal-kummerċ, u (e) servizzi ta' negozju oħrajn mhux inklużi x'imkien ieħor.

2.11. Servizzi personali, kulturali u rikreattivi

Dawn jinkludu servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati, u servizzi personali, kulturali u rikreattivi oħrajn.

Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati huma servizzi u ħlasijiet assoċjati relatati mal-produzzjoni ta' films (fuq film jew vidjotejp), programmi tar-radju u tat-televiżjoni (diretti jew irreġistrati) u reġistrazzjonijiet mużikali. Inkluż huwa l-kiri ta' prodotti awdjoviżivi u prodotti relatati, u aċċess għal stazzjonijiet televiżi kkodifikati (bħal servizzi tal-kejbil jew tas-satellita); prodotti awdjoviżivi li manifatturati bil-massa mixtrija jew mibjugħa għall-użu perpetwu li jiġu kkunsinnati b'mod elettroniku (*downloaded);* ħlasijiet li jirċievu l-artisti (atturi, mużiċisti, żeffiena), awturi, kompożituri, eċċ. Huma esklużi l-ħlasijiet jew liċenzji għar-riproduzzjoni u/jew id-distribuzzjoni ta' prodotti awdjoviżivi minħabba li dawn huma inklużi fil-ħlasijiet għall-użu ta' proprjetà intellettwali mhux inklużi x'imkien ieħor.

Servizzi oħrajn personali, kulturali u rikreattivi huma: (a) servizzi edukattivi, (b) servizzi tas-saħħa, (c) servizzi ta' patrimonju u servizzi rikreattivi, u (d) servizzi personali oħrajn.

2.12. Prodotti u servizzi governattivi mhux inklużi x'imkien ieħor

Din hija kategorija reżidwa li tkopri tranżazzjonijiet governattivi (inklużi dawk ta' organizzazzjonijiet internazzjonali) ta' prodotti u servizzi li ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt partiti oħrajn. Inklużi huma t-tranżazzjonijiet kollha (kemm tal-prodotti u tas-servizzi) minn enklavi bħal ambaxxati, konsulati, bażijiet militari u organizzazzjonijiet internazzjonali b'residenti ta' ekonomiji fejn jinsabu l-enklavi. Huma esklużi t-tranżazzjonijiet tal-enklavi ma' residenti tal-ekonomiji domestiċi.

3. **DĦUL PRIMARJU**

Id-dħul primarju jirrappreżenta l-qligħ li jkun imiss lil unitajiet istituzzjonali għall-kontribuzzjoni tagħhom fil-proċess ta' produzzjoni, jew għall-provvista ta' assi finanzjarji jew mill-kiri ta' riżorsi naturali lil unitajiet istituzzjonali oħrajn. Dan jinkludi kumpens lill-impjegati, dħul mill-investiment u dħul primarju ieħor.

3.1. Kumpens lill-impjegati

Il-kumpens lill-impjegati huwa rreġistrat meta min iħaddem (l-unità li tipproduċi) u l-impjegat huma residenti f'ekonomiji differenti. Għall-ekonomija fejn huma residenti l-unitajiet li jipproduċu, il-kumpens lill-impjegati huwa r-remunerazzjoni totali (inklużi l-kontribuzzjonijiet imħallsa minn dawk li jħaddmu lil skemi ta' sigurtà soċjali jew lil fondi ta' assigurazzjoni jew pensjoni privati), fi flus jew fi prodotti, pagabbli minn intrapriżi residenti lil impjegati mhux residenti bi tpattija għal xogħol li jkunu għamlu dawn tal-aħħar waqt il-perjodu ta' kontabilità. Għall-ekonomija fejn l-individwi huma residenti, il-kumpens huwa r-remunerazzjoni totali, fi flus jew fi prodotti, li dawn jirċievu minn intrapriżi mhux residenti bi tpattija għal xogħol li jkunu għamlu waqt il-perjodu ta' kontabilità. Huwa importanti li jiġi stabbilit jekk teżistix relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat; jekk le, il-pagament jikkostitwixxi xiri ta' servizzi.

3.2. Dħul mill-investiment

Id-dħul mill-investiment ġej mis-sjieda ta' resident ta' assi finanzjarju (kreditu) u b'mod simetriku, dħul derivat minn sjieda ta' xi ħadd mhux residenti ta' assi finanzjarju domestiku (debitu). Id-dħul mill-investiment jinkludi dħul fuq l-ekwità (dividendi, ġbid mid-dħul ta' kważi korporazzjonijiet, qligħ investit mill-ġdid) u fuq dejn (imgħax), u dħul mill-investiment attribwibbli lil sidien ta' poloz fl-assigurazzjoni, skemi ta' pensjoni, u skemi ta' garanzija standardizzata.

Fil-bilanċ tal-pagamenti, id-dħul mill-investiment huwa kklassifikat ukoll skont il-funzjoni tal-investiment sottostanti, bħala investiment dirett, investiment f'portafoll, assi ta' investiment jew ta' riżerva oħrajn, u dettaljati aktar skont it-tip ta' investiment. Għad-definizzjonijiet ta' investiment skont il-funzjoni, ara l-kont finanzjarju.

Fejn ikunu identifikabbli b'mod separat, il-qligħ u t-telf fuq pussessi (kapitali) m'humiex ikklassifikati bħala dħul fuq l-investimenti, iżda bħala bidliet fil-valur tal-investimenti minħabba żviluppi fil-prezz tas-suq. Flussi netti assoċjati ma' derivati ta' rati ta' interess huma rreġistrati biss taħt derivati finanzjarji fil-kont finanzjarju.

3.2.1. IMGĦAX

L-imgħax huwa forma ta' dħul mill-investiment li jirċievu s-sidien ta' ċerti tipi ta' assi finanzjarji, jiġifieri depożiti, titoli ta' dejn, self u kontijiet oħrajn riċevibbli, għat-tqegħid tal-assi finanzjarji għad-dispożizzjoni ta' unità istituzzjonali oħra. Dħul fuq pussess ta' drittijiet speċjali ta' prelevament (DSP) u allokazzjonijiet ta' DSP huwa ukoll inkluż fl-imgħax.

Il-kont tad-dħul primarju jirreġistra "imgħax pur" billi jelimina l-komponent FISIM mill-"imgħax kurrenti". Id-dħul mill-imgħax huwa rreġistrat fuq bażi tad-dovuti.

3.2.2. DĦUL IMQASSAM TAL-KORPORAZZJONIJIET

3.2.2.1. *DIVIDENDI*

Id-dividendi huma l-qligħ imqassam allokat lill-azzjonisti ta' ekwità għat-tqegħid ta' fondi għad-dispożizzjoni tal-korporazzjonijiet. Id-dividendi huma rreġistrati fil-mument li l-ishma jsiru ex-dividend.

3.2.2.2. *PRELEVAMENTI MINN DĦUL TA' KWAŻI KORPORAZZJONIJIET*

Il-prelevamenti minn dħul ta' kważi korporazzjonijiet (intrapriżi mhux inkorporati li jġibu ruħhom daqs li kieku kienu korporazzjonijiet, eż. fergħat, unitajiet residenti konċettwali għal artijiet u riżorsi naturali oħrajn proprjetà ta' persuni mhux residenti, intrapriżi konġunti, trusts, eċċ.) huma l-ammonti li s-sidien ta' kważi korporazzjonijiet jiġbdu għall-użu tagħhom stess mill-qligħ miksub mill-kważi korporazzjonijiet li jappartjenu lilhom. Il-prelevamenti mid-dħul ta' kważi korporazzjonijiet huma rreġistrati li jseħħu meta attwalment iseħħu.

3.2.3. QLIGĦ INVESTIT MILL-ĠDID FUQ INVESTIMENT DIRETT BARRANI

Qligħ investit mill-ġdid jirrappreżenta l-proporzjon tal-investituri diretti, f'termini ta' ekwità miżmuma, tal-qligħ li sussidjarji barranin, assoċjati u fergħat ma jqassmux bħala dividendi. Dan huwa definit bħala s-sehem tal-investitur dirett tal-qligħ ikkonsolidat totali miksub mill-intrapriża ta' investiment dirett fil-perjodu ta' referenza (wara li jitqiesu t-taxxa, l-imgħax u d-deprezzament) mingħajr id-dividendi li għandhom jitħallsu fil-perjodu ta' referenza, anki jekk dawn id-dividendi huma relatati ma' qligħ miksub f'perjodi preċedenti. Il-qligħ investit mill-ġdid għandu jkun irreġistrat fil-perjodu li fih ikun inkiseb.

3.2.4. DĦUL MILL-ISHMA TA' FONDI TAL-INVESTIMENT

Dħul mill-investiment attribwibbli għal azzjonisti ta' fondi ta' investiment kollettivi, inklużi fondi reċiproċi u unit trusts, huwa magħmul minn żewġ partiti separati:

3.2.4.1. *DIVIDENDI (ARA 3.2.2.1)*, u

3.2.4.2. *QLIGĦ INVESTIT MILL-ĠDID*

Qligħ minn fondi ta' investiment jista' jitqies bħala mgħoddi lill-azzjonisti tagħhom (jew detenturi ta' unità) minħabba li dan jinkiseb fil-forma ta' dħul mill-investiment fuq l-ekwità tagħhom. Il-fondi tal-investiment jiksbu dħul billi jinvestu l-flus li jirċievu mingħand l-azzjonisti. Il-qligħ tal-azzjonisti mill-fondi tal-investiment huwa definit bħala d-dħul mill-investiment miksub fuq il-portafoll ta' investiment tal-fond wara li jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi. Il-qligħ nett tal-fondi tal-investiment wara li jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi jappartjeni għall-azzjonisti. Meta parti biss tal-qligħ nett jitqassam lill-azzjonisti bħala dividendi, il-qligħ miżmum għandu jkun ittrattat bħallikieku tqassam lill-azzjonisti u mbagħad jitqies investit mill-ġdid.

3.2.5. DĦUL MILL-INVESTIMENT ATTRIBWIBBLI LIL SIDIEN TA' POLZA FL-ASSIGURAZZJONI, SKEMI TA' PENSJONI U SKEMI TA' GARANZIJA STANDARDIZZATA

Id-dħul mill-investiment attribwibbli lil sidien ta' polza tal-assigurazzjoni jikkorrispondi għad-dħul primarju totali riċevut mill-investiment ta' riżervi tekniċi ta' assigurazzjoni. Ir-riżervi huma dawk li għalihom il-korporazzjoni tal-assigurazzjoni tirrikonoxxi obbligazzjoni korrispondenti għas-sidien tal-polza.

Id-drittijiet għall-pensjoni jinħolqu kemm minn skemi ta' kontribuzzjoni definiti kif ukoll minn skemi ta' benefiċċju definiti.

3.3. Dħul primarju ieħor

Ikklassifikat skont is-settur istituzzjonali tal-ekonomija dikjaranti (gvern ġenerali jew setturi oħrajn) u jinkludi dawn il-komponenti li ġejjin: taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni, sussidji, u kera.

3.3.1. TAXXI FUQ IL-PRODUZZJONI U L-IMPORTAZZJONIJIET

Jinkludu dawn il-komponenti li ġejjin:

3.3.1.1. *TAXXI FUQ PRODOTTI*

It-taxxi fuq il-prodotti huma pagabbli għal kull unità ta' xi oġġett jew servizz prodott jew innegozjat barra l-konfini. Eżempji ta' dan jinkludu l-VAT, id-dazji tal-importazzjoni, id-dazji tas-sisa u t-taxxi fuq il-konsum.

3.3.1.2. *TAXXI OĦRAJN FUQ IL-PRODUZZJONI*

Taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni jikkonsistu fit-taxxi kollha li jeħlu l-intrapriżi minħabba li jkunu involuti fil-produzzjoni, u jinkludu taxxi mħallsa għal-liċenzji tan-negozju u liċenzji professjonali.

3.3.2. SUSSIDJI

Jinkludu l-komponenti li ġejjin:

3.3.2.1. *SUSSIDJI FUQ IL-PRODOTTI*

Is-sussidji fuq il-prodotti jitħallsu għal kull unità ta' oġġett jew servizz prodott.

3.3.2.2. *SUSSIDJI OĦRAJN FUQ IL-PRODUZZJONI*

Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni jikkonsistu f'sussidji, minbarra sussidji fuq prodotti li l-unitajiet ta' produzzjoni residenti jistgħu jirċievu talli jkunu involuti fil-produzzjoni.

3.3.3. KERA

Il-kera tkopri d-dħul riċevibbli għat-tqegħid ta' riżorsi naturali għad-dispożizzjoni ta' unità istituzzjonali mhux residenti. Eżempji ta' kera jinkludu ammonti pagabbli għall-użu ta' art għall-estrazzjoni ta' depożiti minerali jew assi oħra fis-sottoswol, u għas-sajd, għall-forestrija, u għad-drittijiet ta' rgħi. Il-ħlasijiet regolari li jsiru minn dawk li jikru riżorsi naturali, bħall-assi tas-sottoswol, huma spiss deskritti bħala drittijiet, iżda huma kklassifikati bħala kirjiet.

4. **DĦUL SEKONDARJU**

Il-kont tad-dħul sekondarju juri t-trasferiment kurrenti bejn ir-residenti u dawk li m'humiex residenti. Trasferiment huwa partita li tikkorrispondi għall-provvista ta' prodott, servizz, assi finanzjarju jew assi ieħor mhux prodott minn unità istituzzjonali lil unità istituzzjonali oħra meta ma jkun hemm l-ebda ritorn korrispondenti ta' prodott ta' valur ekonomiku. It-trasferimenti kurrenti jikkonsistu fit-trasferimenti kollha li m'humiex trasferimenti kapitali. It-trasferimenti kurrenti huma kklassifikati skont is-settur istituzzjonali li jagħmel jew jirċievi t-trasferiment fl-ekonomija dikjaranti (gvern ġenerali jew setturi oħrajn).

It-trasferimenti tal-gvern ġenerali jinkludu taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ., il-kontribuzzjonijiet soċjali, il-benefiċċji soċjali, kooperazzjoni internazzjonali kurrenti, trasferimenti kurrenti mixxellanji, VAT u r-riżorsi proprji tal-Unjoni bbażati fuq l-ING.

It-trasferimenti kurrenti ta' setturi oħrajn jinkludu taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ., il-kontribuzzjonijiet soċjali, il-benefiċċji soċjali, trasferimenti kurrenti mixxellanji, primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u aġġustamenti għall-bidliet fid-drittijiet għall-pensjoni. It-trasferimenti kurrenti mixxellanji jinkludu t-trasferiment personali bejn unitajiet domestiċi residenti u mhux residenti (li jinkludu rimessi lill-ħaddiema).

4.1. Taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ.

It-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ. fil-kontijiet internazzjonali jikkonsistu l-aktar f'taxxi imposti fuq id-dħul miksub minn persuni mhux residenti mill-provvista ta' assi tax-xogħol jew assi finanzjarji tagħhom. It-taxxi fuq il-qligħ kapitali li jirriżulta mill-assi ta' persuni mhux residenti huma inklużi wkoll. It-taxxi fuq id-dħul u l-qligħ kapitali minn assi finanzjarji huma ġeneralment pagabbli minn "setturi oħrajn" (individwi, korporazzjonijiet u istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ) u riċevibbli mill-"gvern ġenerali".

4.2. Kontribuzzjonijiet soċjali

Il-kontribuzzjonijiet soċjali huma l-kontribuzzjonijiet kurrenti jew attribwiti magħmula minn unitajiet domestiċi lil skemi ta' assigurazzjoni soċjali sabiex ikunu jistgħu jitħallsu l-benefiċċji soċjali.

4.3. Benefiċċji soċjali

Il-benefiċċji soċjali jinkludu benefiċċji pagabbli taħt skemi ta' sigurtà soċjali u tal-pensjoni. Dawn jinkludu benefiċċji tal-pensjoni u mhux tal-pensjoni minħabba avvenimenti jew ċirkostanzi bħal mard, qgħad, akkomodazzjoni u edukazzjoni, u jistgħu jkunu fi flus jew *in natura*.

4.4. Primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja

Il-primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jikkonsistu kemm fil-primjums gross pagabbli minn sidien ta' poloz sabiex jiksbu assigurazzjoni waqt il-perjodu ta' kontabilità (primjums maqlugħa) u s-supplimenti tal-primjums pagabbli mid-dħul fuq l-investiment attribwibbli għas-sidien tal-poloz ta' assigurazzjoni, wara li jitnaqqsu l-ħlasijiet tas-servizz tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni li jirranġaw l-assigurazzjoni. Il-ħlasijiet tas-servizz jikkostitwixxu xiri ta' servizzi mis-sidien tal-poloz u huma rreġistrati bħala servizzi ta' assigurazzjoni. Il-primjums netti fuq garanziji standardizzati huma inklużi taħt din il-partita.

4.5. Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja

Il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja huma l-ammonti pagabbli fil-ħlasijiet tal-pretensjonijiet li jsiru dovuti waqt il-perjodu ta' kontabilità kurrenti. Il-pretensjonijiet isiru dovuti fil-mument meta sseħħ l-eventwalità li tagħti lok għal pretensjoni valida. Il-pretensjonijiet pagabbli taħt garanziji standardizzati huma rreġistrati taħt din il-partita.

4.6. Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti

Il-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti tikkonsisti fi trasferimenti kurrenti fi flus jew *in natura* bejn il-gvernijiet ta' pajjiżi differenti jew bejn gvernijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali. Parti mill-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti hija fil-konfront tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

4.7. Trasferimenti kurrenti mixxellanji

It-trasferimenti kurrenti mixxellanji, fi flus jew *in natura*, jinkludu trasferimenti kurrenti lil istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi, trasferimenti kurrenti bejn unitajiet domestiċi, trasferimenti kurrenti oħrajn mixxellanji inklużi multi u penali, parti mill-pagamenti għal biljetti tal-lotterija u għal logħob tal-azzard, pagamenti ta' kumpens u oħrajn.

4.7.1. TRASFERIMENTI PERSONALI BEJN UNITAJIET DOMESTIĊI RESIDENTI U MHUX RESIDENTI

It-trasferimenti personali bejn unitajiet domestiċi residenti u mhux residenti jikkonsistu fit-trasferimenti kurrenti kollha fi flus jew *in natura* li jkunu għamlu jew irċevew unitajiet domestiċi residenti lil jew mingħand unitajiet domestiċi mhux residenti. It-trasferimenti personali jinkludu rimessi lill-ħaddiema "li minnhom".

4.7.1.1. *RIMESSI LILL-ĦADDIEMA*

Ir-rimessi lill-ħaddiema jikkonsistu fi trasferimenti personali magħmula minn migranti residenti u impjegati f'ekonomiji ġodda lil unitajiet domestiċi mhux residenti. Il-persuni li jaħdmu għal u joqgħodu f'ekonomiji ġodda għal inqas minn sena jitqiesu mhux residenti u r-remunerazzjoni tagħhom hija rreġistrata taħt il-kumpens lill-impjegati.

4.8. VAT u riżorsi proprji tal-Unjoni bbażati fuq l-ING

Il-VAT u t-tielet u r-raba' riżorsi proprji tal-Unjoni bbażati fuq l-ING huma trasferimenti kurrenti mħallsa mill-gvern ġenerali ta' kull Stat Membru lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

4.9. Aġġustament għal bidla fid-drittijiet tal-pensjoni

L-aġġustament għall-bidla fid-drittijiet tal-pensjoni huwa meħtieġ sabiex jiġi rrikonċiljat it-trattament tal-pensjonijiet bħala trasferimenti kurrenti mat-trattament ta' drittijiet tal-pensjoni bħala assi finanzjarji. Wara l-aġġustament, il-bilanċ tal-kont kurrenti huwa l-istess bħal kif kien ikun kieku l-kontribuzzjonijiet soċjali u l-irċevuti tal-pensjoni ma kinux irreġistrati bħala trasferimenti kurrenti.

B. *Kont kapitali*

Il-kont kapitali jkopri trasferimenti kapitali u l-akkwist/iċ-ċessjoni ta' assi mhux prodotti mhux finanzjarji. It-trasferimenti kapitali jikkonsistu fi (a) trasferimenti ta' sjieda ta' assi fissi, (b) trasferimenti ta' fondi marbuta ma', jew kundizzjonali fuq l-akkwist jew iċ-ċessjoni ta' assi fissi, u (c) it-tħassir, mingħajr ma tiġi riċevuta ebda kunsiderazzjoni bħala kumpens, ta' obbligazzjonijiet minn kredituri. It-trasferimenti kapitali jistgħu jkunu fi flus jew *in natura* (bħall-maħfra tad-dejn). Id-distinzjoni bejn trasferimenti kurrenti u kapitali, fil-prattika, hija fl-użu li jagħmel mit-trasferiment il-pajjiż li jirċevih. L-akkwist/iċ-ċessjoni ta' assi mhux prodotti mhux finanzjarji tkopri l-aktar intanġibbli bħal privattivi, kirjiet jew kuntratti trasferibbli oħra. Ix-xiri/il-bejgħ biss, u mhux l-użu, ta' dawn l-assi għandu jiġi rreġistrat f'din il-partita tal-kont kapitali.

5.1. Akkwisti u ċessjonijiet gross ta' assi mhux prodotti mhux finanzjarji

Assi mhux prodotti mhux finanzjarji jikkonsistu fi: (a) riżorsi naturali, (b) kuntratti, kirjiet u liċenzji, u (c) assi tas-suq (ismijiet ta' ditti, trademarks) u avvjament. L-akkwisti/iċ-ċessjonijiet ta' assi mhux prodotti mhux finanzjarji huma rreġistrati b'mod separat fuq bażi gross, minflok innettjati. Ix-xiri/il-bejgħ biss, u mhux l-użu, ta' dawn l-assi għandu jiġi rreġistrat f'din il-partita tal-kont kapitali.

5.2. Trasferimenti kapitali

It-trasferimenti kapitali jikkonsistu fi (i) trasferimenti ta' sjieda ta' assi finanzjarji, (ii) trasferimenti ta' fondi marbuta ma', jew kundizzjonali fuq l-akkwist jew iċ-ċessjoni ta' assi fissi, u (iii) it-tħassir, mingħajr ma tiġi riċevuta ebda kunsiderazzjoni bħala kumpens, ta' obbligazzjonijiet minn kredituri. It-trasferimenti kapitali jistgħu jkunu fi flus jew *in natura* (bħall-maħfra tad-dejn). Id-distinzjoni bejn trasferimenti kurrenti u kapitali, fil-prattika, hija fl-użu li jagħmel mit-trasferimenti il-pajjiż li jirċevih.

It-trasferimenti kapitali huma kklassifikati skont is-settur istituzzjonali li jagħmel jew jirċievi t-trasferiment fl-ekonomija dikjaranti (gvern ġenerali jew setturi oħrajn). It-trasferimenti kapitali jinkludu: taxxi kapitali, għotjiet ta' investiment u trasferimenti kapitali oħrajn.

5.2.1. TAXXI KAPITALI

It-taxxi kapitali jikkonsistu f'taxxi imposti f'intervalli mhux regolari u mhux spissi fuq il-valuri tal-assi jew il-valur nett proprjetà ta' unitajiet istituzzjonali, jew fuq il-valuri ta' assi trasferiti bejn unitajiet istituzzjonali. Dawn jinkludu taxxi fuq il-wirt u taxxi fuq rigali bejn persuni ntaxxati fuq il-kapital tal-benefiċjarji.

5.2.2. GĦOTJIET TA' INVESTIMENT

L-għotjiet ta' investiment jikkonsistu fi trasferimenti kapitali, fi flus jew *in natura*, magħmula sabiex jiffinanzjaw l-ispejjeż kollha tal-akkwist ta' assi fissi, jew parti minnhom. Min jirċievi għotjiet ta' investiment fi flus huwa obbligat li jużahom għal skopijiet ta' formazzjoni ta' kapital fiss gross, u l-għotjiet spiss ikunu marbuta ma' proġetti ta' investiment speċifiċi, bħal proġetti kbar ta' kostruzzjoni.

5.2.3. TRASFERIMENTI KAPITALI OĦRAJN

Dawn jinkludu pagamenti kbar mhux rikorrenti bħala kumpens għal danni kbar jew korrimenti serji mhux koperti mill-poloz tal-assigurazzjoni, rigali kbar, legati u donazzjonijiet, inklużi dawk magħmula lil istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ. Din il-kategorija tinkludi l-maħfra tad-dejn.

5.2.3.1. *MAĦFRA TAD-DEJN*

Il-maħfra tad-dejn hija l-kanċellazzjoni volontarja ta' kull obbligu ta' debitu jew ta' parti minnu fi ftehim kuntrattwali bejn kreditur u debitur.

C. *Il-kont finanzjarju u l-qagħda internazzjonali tal-investiment*

B'mod ġenerali, il-kont finanzjarju jirreġistra transazzjonijiet li jinvolvu assi u obbligazzjonijiet finanzjarji li jkunu seħħew bejn residenti u non-residenti. Il-kont finanzjarju juri transazzjonijiet f'termini netti: l-akkwisti netti ta' assi finanzjarji jikkorrispondu għall-akkwisti ta' assi wara tnaqqis fl-assi.

Il-qagħda internazzjonali tal-investiment (QII) turi, fl-aħħar ta' kull trimestru, il-valur tal-assi finanzjarji ta' residenti ta' ekonomija li jkunu pretensjonijiet kontra non-residenti, u l-obbligazzjonijiet ta' residenti ta' ekonomija, lil non-residenti, flimkien ma' ingotti tad-deheb miżmuma bħala assi ta' riżerva. Id-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet hija l-pożizzjoni netta fil-QII, u tirrappreżenta jew pretensjoni netta jew obbligazzjoni netta lill-bqija tad-dinja.

Il-valur tal-QII fit-tmiem ta' perjodu jirriżulta minn qagħdiet fit-tmiem tal-perjodu preċedenti, transazzjonijiet fil-perjodu kurrenti, u bidliet oħra li jirriżultaw minn raġunijiet għajr transazzjonijiet bejn residenti u non-residenti, li jistgħu jiġu attribwiti lil bidliet oħra fil-volum u valutazzjoni mill-ġdid minħabba tibdil fir-rati tal-kambju jew fil-prezzijiet.

Skont is-sottodiviżjoni funzjonali, it-transazzjonijiet u l-qagħdiet finanzjarji transkonfinali huma kklassifikati bħala investiment, investiment ta' portafoll, derivattivi finanzjarji (għajr riżervi) u opzjonijiet fuq l-ishma għall-impjegati, investiment ieħor, u assi ta' riżerva. It-transazzjonijiet u l-qagħdiet finanzjarji transkonfinali huma kklassifikati ulterjorment skont it-tip ta' strument u s-settur istituzzjonali.

Il-prezzijiet tas-suq huma l-bażi għall-valutazzjoni tat-transazzjonijiet u l-qagħdiet. Il-valutazzjoni nominali tintuża għal qagħdiet fi strumenti mhux negozjabbli, jiġifieri self, depożiti u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli. Madankollu, kwalunkwe transazzjoni f'dawn l-istrumenti hija stmata bil-prezzijiet tas-suq. Sabiex jiġġustifika l-inkonsistenza bejn il-valutazzjoni tas-suq tat-transazzjonijiet u l-valutazzjoni nominali tal-qagħdiet, il-bejjiegħ jirreġistra rivalutazzjonijiet minħabba bidliet oħra fil-prezz matul il-perjodu li fih iseħħ il-bejgħ, ugwali għad-differenza bejn il-valur nominali u l-valur tat-transazzjoni, filwaqt li x-xerrej jirreġistra ammont oppost bħall-valutazzjoni mill-ġdid minħabba tibdil ieħor fil-prezz. Reġistrazzjoni simili sseħħ għal transazzjonijiet u qagħdiet f'ekwità ta' investiment dirett fejn il-qagħdiet jirriflettu l-fondi proprji fil-valur skont il-kotba (ara s-sezzjoni li jmiss).

Il-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti u l-QII jinkludi partiti ta' tpaċija għad-dħul akkumulat fuq l-istrumenti kklassifikati fil-kategoriji funzjonali rispettivi.

6.1. Investiment dirett

L-investiment dirett huwa assoċjat ma' resident f'ekonomija li jkollu kontroll jew grad sinifikanti ta' influwenza fuq il-ġestjoni ta' intrapriża li tkun residenti f'ekonomija oħra. Skont standards internazzjonali (BPM6), iż-żieda diretta jew indiretta ta' 10 % jew aktar tas-sehma tal-vot ta' intrapriża residenti f'ekonomija partikolari minn investitur residenti f'ekonomija oħra hija evidenza ta' tali relazzjoni. Fuq il-bażi ta' dan il-kriterju, tista' teżisti relazzjoni ta' investiment dirett bejn numru ta' intrapriżi relatati, irrispettivament minn jekk ir-rabta tinvolvix katina waħda jew numru ta' katini. Hija tista' testendi għas-sussidjarji, is-sussidjarji ta' kumpaniji sussidjarji u l-assoċjati ta' intrapriża b'investiment dirett. Ladarba jiġi stabbilit l-investiment dirett, il-flussi finanzjarji/parteċipazzjonijiet sussegwenti kollha bejn l-entitajiet relatati jiġu rreġistrati bħala transazzjonijiet/qagħdiet ta' investiment dirett.

Il-kapital ta' ekwità jinkludi l-ekwità fil-fergħat kif ukoll l-ishma kollha fis-sussidjarji u l-kumpaniji assoċjati. Id-dħul investit mill-ġdid jikkonsisti fil-partita ta' tpaċija għas-sehem ta' qligħ tal-investitur dirett li ma jiġix distribwit bħala dividendi mis-sussidjarji jew il-kumpaniji assoċjati, u d-dħul ta' fergħat mhux mibgħut lill-investitur dirett u li jiġi rreġistrat taħt "dħul mill-investiment" (ara 3.2.3).

L-ekwità u d-dejn ta' investiment dirett huma diżaggregati ulterjorment skont it-tip ta' relazzjoni bejn l-entitajiet u skont id-direzzjoni tal-investiment. Jistgħu jiġu distinti tliet tipi ta' relazzjonijiet ta' investiment dirett:

(a) investiment mill-investituri diretti f'intrapriżi ta' investiment dirett. Din il-kategorija tinkludi flussi ta' investiment (u stokks) mill-investitur dirett lill-intrapriżi ta' investiment dirett tiegħu (irrispettivament minn jekk ikunx ikkontrollat jew influwenzat direttament jew indirettament);

(b) investiment bil-maqlub. Din it-tip ta' relazzjoni tkopri flussi ta' investiment (u stokks) mill-intrapriżi ta' investiment dirett lill-investitur dirett;

(c) bejn intrapriżi sħab. Din tkopri flussi (u stokks) bejn intrapriżi li ma jikkontrollawx jew jinfluwenzaw lil xulxin, iżda li t-tnejn huma taħt il-kontroll jew l-influwenza tal-istess investitur dirett.

Rigward il-valutazzjoni tal-qagħdiet ta' investiment dirett, l-istokks elenkati fil-Boroż huma vvalutati bil-prezzijiet tas-suq. Min-naħa l-oħra, fil-każ tal-kumpaniji b'investiment dirett mhux elenkati, l-istokks huma vvalutati abbażi tal-valuri skont il-kotba billi tintuża definizzjoni komuni li tinkludi l-partiti tal-kontabilità li ġejjin:

(i) il-kapital imħallas (esklużi l-ishma proprji u inklużi l-kontijiet tal-primjum tal-ishma);

(ii) it-tipi kollha ta' riżervi (inklużi l-għotjiet ta' investiment meta l-linji gwida tal-kontabilità jikkunsidrawhom bħala riżervi ta' kumpanija);

(iii) il-profitti mhux imqassma wara li jitnaqqas it-telf (inklużi r-riżultati għas-sena kurrenti).

Għall-ishma ta' ekwità tal-kumpaniji mhux ikkwotati, it-transazzjonijiet irreġistrati fil-kont finanzjarju jistgħu jkunu differenti mill-fondi proprji bil-valur skont il-kotba rreġistrat fl-QII. Tali differenzi jiġu rreġistrati bħala rivalutazzjonijiet minħabba bidliet oħra fil-prezz.

Bħala prattika tajba huwa rakkomandat li l-Istati Membri kollha għandhom jibdew jikkompilaw l-istokks ta' ekwità tal-investiment dirett barrani u d-dħul investit mill-ġdid fuq il-bażi tar-riżultati ta' stħarriġ dwar l-investiment dirett barrani li għandu jinġabar tal-anqas darba fis-sena ([1]).

6.2. Investiment tal-portafoll

L-investimenti tal-portafoll jinkludu transazzjonijiet u qagħdiet li jinvolvu dejn jew titoli ta' ekwità, għajr dawk inklużi f'investiment dirett jew assi ta' riżerva. L-investiment tal-portafoll jinkludi titoli ta' ekwità, ishma ta' fond ta' investiment u titoli ta' dejn, sakemm ma jkunux ikklassifikati bħala investiment dirett jew bħala assi ta' riżerva. Transazzjonijiet bħal ftehimiet ta' riakkwist u self ta' titoli huma esklużi mill-investiment tal-portafoll. It-transazzjonijiet u l-qagħdiet ta' investiment tal-portafoll jiġu vvalutati bil-prezzijiet tas-suq. Madankollu, fil-każ ta' investiment tal-portafoll f'titoli mhux elenkati, jista' jkun hemm differenzi fil-valutazzjoni tat-transazzjonijiet u l-qagħdiet bħal fil-każ ta' investiment dirett f'ishma mhux ikkwotati. Anki f'dan il-każ, dawn id-differenzi għandhom jiġu rreġistrati bħala valutazzjonijiet mill-ġdid minħabba bidliet oħra fil-prezz.

Approċċ komuni għall-ġbir ta' dejta dwar l-investiment tal-portafoll huwa ddefinit fl-Anness VI.

6.2.1. TITOLI TA' EKWITÀ

L-ekwità tikkonsisti fl-istrumenti kollha li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq il-valur residwu ta' korporazzjoni jew kważi korporazzjoni, wara li jkunu ntlaqgħu l-pretensjonijiet tal-kredituri kollha. B'kuntrast mad-dejn, l-ekwità ġeneralment ma tipprovdix id-dritt lis-sid għal ammont determinat minn qabel jew ammont determinat skont formula fissa. It-titoli ta' ekwità jikkonsistu f'ishma kkwotati u ishma mhux ikkwotati.

L-ishma kkwotati huma titoli ta' ekwità kkwotati f'Borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma mhux ikkwotati huma titoli ta' ekwità mhux ikkwotati f'Borża.

6.2.2. ISHMA TA' FOND TA' INVESTIMENT

L-ishma ta' fond ta' investiment huma maħruġa minn fondi ta' investiment. Huma magħrufa bħala "unitajiet" jekk il-fond ikun fiduċjarju. Il-fondi ta' investiment huma intrapriżi ta' investiment kollettiv li permezz tagħhom l-investituri jiġbru flimkien fondi għall-investiment f'assi finanzjarji u/jew mhux finanzjarji. L-ishma ta' fond ta' investiment għandhom rwol speċjalizzat fl-intermedjazzjoni finanzjarji bħala tip ta' investiment kollettiv f'assi oħra, u għalhekk huma identifikati separatament minn ishma oħra ta' ekwità. Barra minn hekk, it-trattament tad-dħul tagħhom huwa differenti minħabba li d-dħul investit mill-ġdid irid jiġi imputat.

6.2.3. TITOLI TA' DEJN

It-titoli ta' dejn huma strumenti negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn. Huma jinkludu kontijiet, bonds, noti, ċertifikati ta' depożitu negozjabbli, karti kummerċjali, obbligazzjonijiet, titoli appoġġjati minn assi, strumenti tas-suq monetarju, u strumenti simili normalment innegozjati fis-swieq finanzjarji. It-transazzjonijiet u l-qagħdiet fit-titoli ta' dejn huma maqsuma skont il-maturità inizjali fuq perjodu ta' żmien qasir u fuq perjodu ta' żmien twil.

([1]) Għandhom jiġu abbandunati l-prattiċi mhux aċċettabbli li ġejjin: (i) it-tħollija tal-għażla tal-kriterju ta' valutazzjoni lill-aġenti tar-rappurtar (il-valuri tas-suq jew il-valuri skont il-kotba); (ii) l-applikazzjoni ta' metodu ta' inventarju perpetwu/akkumulazzjoni tal-flussi ta' BOP għall-kumpilazzjoni tal-istokks.

6.2.3.1. *TITOLI TA' DEJN FUQ PERJODU TA' ŻMIEN QASIR*

It-titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir huma pagabbli fuq talba jew jinħarġu b'maturità inizjali ta' sena jew anqas. Huma ġeneralment jagħtu lid-detentur id-dritt mhux kondizzjonat li jirċievi somma ta' flus fissa ddikjarata, f'data speċifika. Dawn l-istrumenti ġeneralment jiġu nnegozjati, bi skont, fi swieq organizzati; l-iskont jiddependi fuq ir-rata tal-imgħax u ż-żmien li jkun fadal sal-maturità.

6.2.3.2. *TITOLI TA' DEJN FUQ PERJODU TA' ŻMIEN TWIL*

It-titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil jinħarġu b'maturità inizjali ta' iżjed minn sena waħda jew bl-ebda maturità ddikjarata (għajr meta tintalab, li hija inkluża fuq perjodu ta' żmien qasir). Huma ġeneralment jagħtu lid-detentur (a) id-dritt mhux kondizzjonat għal dħul monetarju fiss jew dħul monetarju varjabbli stabbilit b'kuntratt (il-ħlas tal-imgħax ikun indipendenti mill-qligħ tad-debitur), u (b) id-dritt mhux kondizzjonat għal somma fissa bi ħlas lura għas-somma kapitali f'data jew dati speċifikati.

Ir-reġistrazzjoni ta' transazzjonijiet fil-bilanċ tal-pagamenti sseħħ meta l-kredituri jew id-debituri jdaħħlu l-pretensjoni jew l-obbligazzjoni fil-kotba tagħhom. It-transazzjonijiet jiġu rreġistrati bil-prezz effettiv riċevut jew imħallas, esklużi l-kummissjoni u l-ispejjeż. Għalhekk, fil-każ tat-titoli bil-kupuni, jiġi inkluż l-imgħax mill-aħħar ħlas tal-imgħax u, fil-każ tat-titoli maħruġa bi skont, jiġi inkluż l-imgħax akkumulat mill-ħruġ. L-inklużjoni tal-imgħax dovut hija meħtieġa kemm għall-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti kif ukoll għall-QII; dawn ir-reġistrazzjonijiet irid ikollhom partiti ta' tpaċija fil-kontijiet tad-dħul rispettivi tagħhom.

6.3. Derivattivi finanzjarji (għajr riżervi) u opzjonijiet fuq l-ishma għall-impjegati

Kuntratt dwar derivattiv finanzjarju huwa strument finanzjarju li huwa marbut ma' strument finanzjarju jew indikatur jew komodità speċifiku/speċifika ieħor/oħra u li permezz tiegħu riskji finanzjarji speċifiċi (bħar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, ir-riskju tal-kambju, ir-riskju tal-ekwità u tal-prezzijiet tal-komoditajiet, ir-riskju ta' kreditu, u l-bqija) jistgħu jiġu nnegozjati waħedhom fis-swieq finanzjarji. Din il-kategorija hija identifikata separatament minn kategoriji oħra minħabba li tirrigwarda t-trasferiment tar-riskju pjuttost milli l-provvista ta' fondi jew riżorsi oħra. Kuntrarju għal kategoriji funzjonali oħra, ma jakkumula l-ebda dħul primarju fuq id-derivattivi finanzjarji. Il-flussi netti assoċjati ma' derivattivi mir-rata tal-imgħax jiġu rreġistrati bħala derivattivi finanzjarji, mhux bħala dħul mill-investiment. It-transazzjonijiet u l-qagħdiet fid-derivattivi finanzjarji huma ttrattati separatament mill-valuri ta' kwalunkwe partita sottostanti li jkunu marbuta magħha. Fil-każ tal-opzjonijiet, jiġi rreġistrat il-primjum sħiħ (jiġifieri l-prezz tax-xiri/bejgħ tal-opzjonijiet u t-tariffa għas-servizz implikata). Il-ħlasijiet tal-marġini ripagabbli jikkonsisti fi flus jew kollateral iddepożitati sabiex kontroparti tiġi protetta kontra r-riskju ta' inadempjenza. Huma kklassifikati bħala depożiti taħt investiment ieħor (jekk l-obbligazzjonijiet tad-debitur ikunu inklużi fi flus ġenerali) jew f'kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli. Il-ħlasijiet tal-marġini mhux ripagabbli (magħrufa wkoll bħala l-marġini ta' varjazzjoni) inaqqsu l-obbligazzjoni finanzjarja maħluqa permezz ta' derivattiv; għalhekk huma kklassifikati bħala transazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji.

Il-valutazzjoni tad-derivattivi finanzjarji għandha ssir fuq bażi ta' "mmarkat għas-suq". It-tibdil fil-prezzijiet tad-derivattivi jiġi rreġistrat bħala qligħ jew telf tal-holding (valutazzjoni mill-ġdid minħabba tibdil fil-prezzijiet). Ir-reġistrazzjoni ta' transazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji sseħħ meta l-kredituri u d-debituri jdaħħlu l-pretensjoni jew l-obbligazzjoni fil-kotba tagħhom. Minħabba problemi prattiċi involuti fis-separazzjoni tal-flussi tal-assi u tal-obbligazzjonijiet għal ċerti strumenti derivattivi, it-transazzjonijiet kollha ta' derivattivi finanzjarji fil-bilanċ tal-pagamenti taż-żona tal-euro huma rreġistrati netti. Il-qagħdiet tal-assi u l-obbligazzjonijiet tad-derivattivi finanzjarji fl-istatistiċi dwar l-QII huma rreġistrati fuq bażi grossa, ħlief għal dawk id-derivattivi finanzjarji li jaqgħu fil-kategorija tal-assi ta' riżerva, li huma rreġistrati fuq bażi netta. Għal raġunijiet prattiċi, id-derivattivi inkorporati mhumiex distinti mill-istrument sottostanti li miegħu jkunu marbuta.

L-opzjonijiet fuq l-ishma għall-impjegati huma opzjonijiet sabiex tinxtara l-ekwità ta' kumpanija li jiġu offruti lill-impjegati ta' kumpanija bħala forma ta' remunerazzjoni. Jekk opzjoni fuq l-ishma mogħtija lill-impjegati tkun tista' tiġi negozjata fis-swieq finanzjarji mingħajr restrizzjoni, hija tiġi kklassifikata bħala derivattiv finanzjarju.

6.4. Investiment ieħor

Investiment ieħor huwa kategorija residwa li tinkludi qagħdiet u transazzjonijiet differenti minn dawk inklużi f'investiment dirett, investiment tal-portafoll, derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq l-ishma għall-impjegati jew assi ta' riżerva. Sakemm il-kategoriji li ġejjin ta' assi u obbligazzjonijiet li ġejjin ma jkunux inklużi taħt investiment dirett jew assi ta' riżerva, investiment ieħor jinkludi: (a) ekwità oħra, (b) valuta u depożiti, (c) self (inkluż l-użu ta' kreditu mill-FMI u self mill-FMI), (d) assigurazzjoni, pensjoni u skemi standardizzati ta' garanzija, (e) kreditu kummerċjali u ħlas bil-quddiem, (f) kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli, u (g) allokazzjonijiet DSP (il-holdings DSP huma inklużi fl-assi ta' riżerva).

Għas-self, id-depożiti u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli mibjugħa bi skont, il-valuri tat-transazzjonijiet irreġistrati fil-kont finanzjarju jistgħu jkunu differenti mill-valuri nominali rreġistrati fl-QII. Tali differenzi jiġu rreġistrati bħala rivalutazzjonijiet minħabba bidliet oħra fil-prezz.

6.4.1. EKWITÀ OĦRA

Ekwità oħra tinkludi ekwità mhux fil-forma ta' titoli, għalhekk mhijiex inkluża fl-investiment tal-portafoll. Il-parteċipazzjoni fil-kapital ta' xi organizzazzjonijiet internazzjonali mhijiex fil-forma ta' titoli u għalhekk hija kklassifikata bħala ekwità oħra.

6.4.2. VALUTA U DEPOŻITI

Il-valuta u d-depożiti jinkludu l-valuta fiċ-ċirkolazzjoni u d-depożiti. Id-depożiti huma kuntratti standardizzati, mhux negozjabbli ġeneralment offruti mill-istituzzjonijiet li jieħdu d-depożiti, li jippermettu t-tqegħid u l-irtirar aktar tard ta' ammont varjabbli ta' flus mill-kreditur. Id-depożiti ġeneralment jinvolvu garanzija mid-debitur sabiex jirritorna l-ammont prinċipali lill-investitur.

Id-distinzjoni bejn "self" u "valuta u depożiti" tiddependi fuq in-natura tal-mutwatarju. Dan jimplika li, min-naħa tal-assi, il-flus mogħtija mis-settur taż-żamma tal-flus residenti lil banek mhux residenti għandhom jiġu kklassifikati bħala "depożiti" u l-flus mogħtija mis-settur taż-żamma tal-flus residenti lil istituzzjonijiet mhux banek mhux residenti (jiġifieri unitajiet istituzzjonali għajr banek) għandhom jiġu kklassifikati bħala "selfiet". Min-naħa tal-obbligazzjonijiet, il-flus meħuda minn istituzzjonijiet mhux bankarji residenti, jiġifieri istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (MFIs) għandhom jiġi kklassifikati dejjem bħala "selfiet". Fl-aħħar nett, din id-distinzjoni timplika li t-transazzjonijiet kollha li jinvolvu MFIs u banek mhux residenti għandhom jiġu kklassifikati bħala "depożiti".

6.4.3. SELFIET

Is-selfiet huma assi finanzjarji li (a) jinħolqu meta kreditur jislef fondi direttament lil debitur, u (b) li d-dokumenti juru li mhumiex negozjabbli. Din il-kategorija tinkludi s-selfiet kollha, inklużi l-ipoteki, il-kirjiet finanzjarji u l-operazzjonijiet tat-tip repo. L-operazzjonijiet kollha tat-tip repo, jiġifieri l-ftehimiet ta' riakkwist, l-operazzjonijiet ta' bejgħ/riakkwist u s-self ta' titoli (bi skambju ta' flus bħala kollateral), huma ttrattati bħala selfiet kollateralizzati, mhux bħala xiri/bejgħ dirett ta' titoli, u jiġu rreġistrati taħt "investiment ieħor", fi ħdan is-settur residenti li jwettaq l-operazzjoni. Dan it-trattament, li huwa konformi wkoll mal-prattika kontabilistika tal-banek u ta' korporazzjonijiet finanzjarji oħra, huwa maħsub sabiex jirrifletti b'mod aktar preċiż ir-raġunament ekonomiku wara dawn l-istrumenti finanzjarji.

6.4.4. ASSIGURAZZJONI, SKEMI TA' PENSJONI, U SKEMI TA' GARANZIJA STANDARDIZZATI

Din tinkludi dawn li ġejjin: (a) ir-riżervi tekniċi ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja, (b) l-assigurazzjoni tal-ħajja u d-drittijiet ta' annwalità, (c) id-drittijiet għal pensjoni, it-talbiet ta' fondi tal-pensjoni fuq il-ġestjonarji tal-pensjonijiet, u d-drittijiet għal fondi mhux tal-pensjoni, u (d) provvedimenti għal sejħiet taħt garanziji standardizzati.

6.4.5. KREDITU U PAGAMENTI BIL-QUDDIEM

Il-kreditu kummerċjali u l-pagamenti bil-quddiem huma pretensjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-estensjoni diretta tal-kreditu mill-fornituri ta' prodotti u servizzi lill-konsumaturi tagħhom, u pagamenti bil-quddiem għal xogħol li jkun qiegħed isir jew li jkun għad irid jitwettaq, fil-forma ta' prepagament mill-konsumaturi għal prodotti u servizzi li jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti. Il-kreditu kummerċjali u l-pagamenti bil-quddiem jinħolqu meta l-ħlas għall-prodotti jew is-servizzi ma jsirx fl-istess ħin bħall-bidla fis-sjieda ta' prodott jew l-għoti ta' servizz.

6.4.6. KONTIJIET OĦRA RIĊEVIBBLI/PAGABBLI

Din il-kategorija tikkonsisti minn kontijiet riċevibbli jew pagabbli għajr dawk inklużi fi kreditu kummerċjali u pagamenti bil-quddiem jew strumenti oħra. Hija tinkludi assi u obbligazzjonijiet finanzjarji maħluqa bħala kontropartijiet għal transazzjonijiet fejn ikun hemm differenza ta' żmien bejn dawn it-transazzjonijiet u l-ħlasijiet korrispondenti. Hija tinkludi l-obbligazzjonijiet għat-taxxi, ix-xiri u l-bejgħ ta' titoli, it-tariffi għas-self ta' titoli, it-tariffi għas-self ta' deheb, il-pagi u s-salarji, id-dividendi, u l-kontribuzzjonijiet soċjali li jkunu akkumulaw iżda li jkunu għadhom ma tħallsux.

6.4.7. ALLOKAZZJONIJIET TA' DSP

L-allokazzjoni ta' DSP lill-membri tal-FMI hija murija bħala obbligazzjoni mġarrba mir-riċevitur taħt DSP f'investiment ieħor, b'partita korrispondenti taħt DSP fl-assi ta' riżerva.

6.5. Assi ta' riżerva

L-assi ta' riżerva huma dawk l-assi esterni li jkunu faċilment disponibbli għal, u kkontrollati minn, l-awtoritajiet monetarji sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-bilanċ tal-pagamenti, għal intervent fis-swieq tal-kambju sabiex tiġi mmaniġġata r-rata tal-kambju tal-munita, u għal għanijiet oħra relatati (bħaż-żamma tal-fiduċja fil-valuta u l-ekonomija, jew biex iservu bħala bażi għas-self barrani). L-assi ta' riżerva jridu jkunu assi f'valuta barranija, pretensjonijiet fil-konfront ta' non-residenti u assi li fil-fatt jeżistu. L-assi potenzjali huma esklużi. Il-bażi tal-kunċett tal-assi ta' riżerva huma l-kunċetti ta' "kontroll" u "disponibbiltà għall-użu" mill-awtoritajiet monetarji.

L-assi ta' riżerva taż-żona tal-euro jikkonsistu mill-assi ta' riżerva tal-Eurosistema, jiġifieri l-assi ta' riżerva tal-BĊE u l-assi ta' riżerva miżmuma mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) taż-żona tal-euro.

L-assi ta' riżerva jridu (i) ikunu taħt il-kontroll effettiv ta' awtorità monetarja tal-Eurosistema, jiġifieri jew il-BĊE jew BĊN taż-żona tal-euro, u (ii) ikunu pretensjonijiet likwidi ħafna, kummerċjabbli u ta' affidabbiltà kreditizja miżmuma mill-Eurosistema fuq residenti mhux fiż-żona tal-euro denominati f'muniti konvertibbli għajr l-euro, flimkien ma' deheb monetarju, qagħdiet ta' riżerva fil-FMI u drittijiet speċjali ta' prelevament (DSP).

Din id-definizzjoni teskludi espressament il-pretensjonijiet ta' valuta barranija fuq residenti taż-żona tal-euro, u l-pretensjonijiet denominati fl-euro, milli jitqiesu bħala assi ta' riżerva fuq livell nazzjonali jew fuq livell taż-żona tal-euro. Bl-istess mod, il-qagħdiet tal-kambju tal-gvernijiet ċentrali u/jew tal-ministeri tal-finanzi mhumiex inklużi fid-definizzjoni tal-assi ta' riżerva għaż-żona tal-euro skont l-arranġamenti istituzzjonali fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-assi ta' riżerva tal-BĊE huma miġburin skont l-Artikolu 30 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u għalhekk jitqiesu li huma taħt il-kontroll dirett u effettiv tal-BĊE. Sakemm ma jseħħ l-ebda trasferiment ulterjuri tas-sjieda, l-assi ta' riżerva miżmuma mill-BĊN huma taħt il-kontroll dirett u effettiv tagħhom u huma ttrattati bħala assi ta' riżerva ta' kull BĊN individwali.

Ir-riżervi tal-Eurosistema huma kompilati fuq bażi grossa mingħajr l-ebda kalkolu tal-valur nett tal-obbligazzjonijiet relatati mar-riżervi ħlief għal dawk l-assi ta' riżerva inklużi fis-sottokategorija "derivattivi finanzjarji", li huma rreġistrati fuq bażi netta.

L-istima hija bbażata fuq il-prezzijiet tas-suq billi jintużaw (a) għat-transazzjonijiet, il-prezzijiet tas-suq prevalenti fiż-żmien meta sseħħ it-transazzjoni u (b) għall-holdings, il-prezzijiet kif jagħlqu f'nofs is-suq fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza. Ir-rati tal-kambju prevalenti fis-suq fiż-żmien meta sseħħ it-transazzjoni u r-rati tal-kambju kif jagħlqu f'nofs is-suq fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza jintużaw rispettivament għall-konverżjoni ta' transazzjonijiet u holdings ta' assi denominati f'munita barranija għall-euro.

L-idea li likwidità oħra f'munita barranija mhux inkluża fil-partita tal-assi ta' riżerva tal-bilanċ tal-pagamenti u fl-istatistiċi dwar il-qagħda internazzjonali tal-investiment tista' tkun ukoll indikatur importanti tal-kapaċità ta' pajjiż li jilħaq l-obbligi tiegħu tal-kambju saret iżjed mifruxa u ġiet adottata fl-Istandard Speċjali tad-Disseminazzjoni tad-Dejta tal-FMI. Sabiex tiġi kkalkulata l-likwidità f'munita barranija, id-dejta dwar ir-riżervi grossi jeħtieġ li tiġi supplimentata b'informazzjoni dwar assi oħra f'munita barranija u obbligazzjonijiet relatati mar-riżervi. Għalhekk, id-dejta ta' kull xahar dwar l-assi ta' riżerva (grossi) tal-Eurosistema hija supplimentata b'informazzjoni dwar assi oħra f'munita barranija u t-tneħħija netta determinata minn qabel u kontinġenti għal żmien qasir fuq l-assi ta' riżerva grossi klassifikati skont il-maturità residwa. Barra minn hekk, hija meħtieġa distinzjoni fil-munita bejn l-assi ta' riżerva grossi denominati f'muniti DSP (totali) u muniti oħra (totali) b'intervall ta' trimestru.

6.5.1. DEHEB MONETARJU

Id-deheb monetarju huwa deheb li għalih l-awtoritajiet monetarji (jew oħrajn li jkunu soġġetti għall-kontroll effettiv tal-awtoritajiet monetarji) ikollhom dritt u li jinżamm bħala assi ta' riżerva. Dan jinkludi l-ingotti tad-deheb u l-kontijiet tad-deheb mhux allokati ma' non-residenti li jagħtuhom dritt li jitolbu l-konsenja tad-deheb.

Il-holdings tad-deheb monetarju għandhom jibqgħu mhux mibdula fit-transazzjonijiet riversibbli kollha bid-deheb (tpartit ta' deheb, repos, self u depożiti).

6.5.1.1. L-**ingotti tad-deheb** jieħdu l-forma ta' muniti, ingotti, jew blokok b'purità ta' mill-anqas 995 parti għal kull 1000, inklużi l-ingotti tad-deheb miżmuma f'kontijiet tad-deheb mhux allokati.

6.5.1.2. Il-**kontijiet tad-deheb mhux allokati** jirrappreżentaw pretensjoni kontra l-operatur tal-kont biex jikkonsenja d-deheb. Għal dawn il-kontijiet, il-fornitur tal-kont iżomm id-dritt għal bażi ta' riżerva ta' deheb fiżiku allokat u joħroġ pretensjonijiet lil detenturi tal-kontijiet denominati fid-deheb. Il-kontijiet tad-deheb mhux allokati li ma jkunux ikklassifikati bħala deheb monetarju huma inklużi bħala valuta u depożiti f'investiment ieħor.

6.5.2. DSP

Id-DSP huma assi ta' riżerva maħluqa mill-FMI u allokati lill-membri sabiex jissupplimentaw ir-riżervi uffiċjali eżistenti. Id-DSP jinżammu biss mill-awtoritajiet monetarji tal-membri tal-FMI u minn numru limitat ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li jkunu detenturi awtorizzati.

6.5.3. POŻIZZJONI TAR-RIŻERVA FIL-FMI

Din hija s-somma ta' (a) is-"segment ta' riżerva", jiġifieri l-ammonti ta' munita barranija, inkluż id-DSP, li pajjiż membru jista' jiġbed mill-FMI mingħajr ma javża ħafna qabel; u (b) kwalunkwe dejn tal-FMI taħt ftehim ta' self fil-Kont tar-Riżorsi Ġenerali li jkun disponibbli mill-ewwel għall-pajjiż membru.

6.5.4. ASSI OĦRA TA' RIŻERVA

Dawn jinkludu l-valuti u d-depożiti, it-titoli, id-derivattivi finanzjarji u pretensjonijiet oħra. Id-depożiti jirreferu għal dawk disponibbli meta jintalbu. It-titoli jinkludu l-ekwità likwida u kummerċjabbli u t-titoli ta' dejn maħruġa minn non-residenti, inklużi l-ishma jew unitajiet ta' fondi ta' investiment. Id-derivattivi finanzjarji jiġu rreġistrati fl-assi ta' riżerva biss jekk id-derivattivi marbuta mal-ġestjoni tal-assi ta' riżerva jkunu integrali għall-valutazzjoni ta' dawk l-assi. Pretensjonijiet oħra jinkludu self lil istituzzjonijiet mhux bankarji mhux residenti, self għal tul lil kont Fiduċjarju tal-FMI u assi finanzjarji oħra mhux inklużi qabel iżda li jissodisfaw id-definizzjoni ta' assi ta' riżerva.

2. **Bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar**

Il-kompilazzjoni tad-dejta ta' kull xahar għal diversi partiti fil-kont kurrenti u fil-kont kapitali hija partikolarment diffiċli f'sistemi ta' ġbir li jibbażaw prinċipalment fuq stħarriġ u rappurtar dirett. B'mod partikolari, għall-partiti tas-servizzi, il-kumpens tal-impjegati, id-dħul investit mill-ġdid [1], partiti oħra tad-dħul primarju, id-dħul sekondarju u l-kont kapitali, id-dejta kollha jew il-biċċa l-kbira tad-dejta li ġeneralment tintuża għall-kompilazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull tliet xhur, fosthom informazzjoni minn sorsi ta' dejta amministrattiva, tista' ma tkunx disponibbli bi frekwenza ta' kull xahar jew tista' ma tkunx sħiħa.

Mill-banda l-oħra, dejta ta' kull xahar għalil-partita "prodotti" hija disponibbli mill-istatistika dwar il-kummerċ barrani, eż. fil-forma ta' estimi flash. Madankollu, anki għall-prodotti, id-dejta ta' kull xahar tista' ma tkunx dejjem disponibbli fil-ħin jew l-estimi flash jistgħu jkunu inkompleti.

Minħabba l-ispejjeż tal-kompilazzjoni tad-dejta u l-piż fuq ir-rispondenti, hija prattika komuni u stabbilita sewwa li jintużaw *time series models* jew metodi ta' stimar indirett sabiex tittejjeb id-dejta miġbura kull xahar għal dawk l-partiti tal-kont kurrenti u tal-kont kapitali.

3. **Klassifikazzjoni skont is-settur istituzzjonali**

L-analiżi settorjali tal-aggregati taż-żona tal-euro tinkludi l-banek ċentrali, MFIs oħra - korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti għajr il-banek ċentrali u fondi tas-suq monetarju – il-gvern ġenerali, u setturi oħra – korporazzjonijiet finanzjarji minbarra IFMi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji, djar u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jaqdu d-djar. Dawn is-setturi istituzzjonali huma konsistenti mad-definizzjonijiet fl-ESA 2010. Is-settur tal-"banek ċentrali" tal-istatistika taż-żona tal-euro jikkonsisti mill-Eurosistema.

---

(1) Meta d-dħul riinvestit jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' stħarriġ annwali, id-dejta sottostanti tista' ma tkunx disponibbli lanqas fuq bażi ta' kull tliet xhur, f'liema każ trid issir stima.

ANNESS IV

TRAŻMISSJONI TA' DEJTA LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jużaw il-faċilità pprovduta mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) li tiddependi fuq in-netwerk ta' telekomunikazzjoni "SEBĊ-Net" għat-trażmissjoni elettronika ta' informazzjoni statistika meħtieġa mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). L-iskambji ta' dejta fi ħdan is-SEBĊ għandhom ikunu bbażati fuq il-format magħruf bħala "Statistical Data and Metadata eXchange". Dan ir-rekwiżit ma jwaqqafx l-użu ta' xi mezzi oħra għat-trażmissjoni ta' informazzjoni statistika lill-BĊE bħala soluzzjoni sekondarja miftiehma.

Il-BĊNi josservaw ir-rakkomandazzjonijiet elenkati hawn isfel sabiex jiżguraw li t-trażmissjoni ta' dejta taħdem b'mod sodisfaċenti.

— Kompletezza: Il-BĊNi jirrapportaw is-series keys kollha meħtieġa. Jekk ma jiġu rrapportati ebda series keys jew series keys mhux elenkati, dan jitqies bħala rapportaġġ inkomplet. Jekk xi osservazzjoni tkun nieqsa, l-omissjoni tiġi rreġistrata bl-użu tal-bandiera tal-istatus ta' osservazzjoni korrispondenti.

— Identitajiet tal-kontabbiltà u konvenzjoni tas-sinjali tad-dejta: ir-regoli ta' validazzjoni għandhom jiġu implimentati mill-BĊNi qabel ma d-dejta tintbagħat lill-BĊE.

Meta r-reviżjonijiet isiru biss għal subsett ta' series keys, ir-regoli ta' validazzjoni jiġu applikati għar-rapport sħiħ.

ANNESS V

MONITORAĠĠ TA’ METODI TA’ KUMPILAZZJONI TAL-ISTATISTIKA

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jimmonitorja l-kunċetti u d-definizzjonijiet u l-metodi ta’ kumpilazzjoni applikata mill-Istati Membri taż-żona tal-euro. Il-pubblikazzjoni tal-BĊE “Metodi statistiċi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti/qagħda internazzjonali tal-investiment” (iktar ’il quddiem il-“il-ktieb tal-B.t.p.”) jagħti informazzjoni dwar il-prattiki u l-iżviluppi fl-istatistiċi dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali tal-investiment fl-Istati Membri.

Il-ktieb tal-B.t.p. fih deskrizzjonijiet dettaljati ta’ metodi ta’ kumpilazzjoni tad-dejta u tal-kunċetti u d-definizzjonijiet applikati, kif ukoll informazzjoni dwar devjazzjonijiet mill-metodoloġiji miftiehma għall-istatistiċi dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali tal-investiment.

Il-ktieb tal-B.t.p. huwa aġġornat regolarment b’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

ANNESS VI

ĠBIR TA' DEJTA FIL-QASAM TAL-PORTAFOLJI TA' INVESTIMENT

Meta wieħed iqis id-diffikultajiet inerenti fil-kumpilazzjoni tal-istatistika dwar l-investiment tal-portafoll, ġie meqjus meħtieġ li jiġu ddefiniti metodi komuni għall-ġbir ta' din l-informazzjoni fi ħdan iż-żona tal-euro.

Id-disponibbiltà u l-kwalità ta' repożitorju tad-dejta dwar it-titoli ċentralizzat (centralised securities database - "CSDB") hija meqjusa bħala essenzjali biex is-sistemi tal-ġbir ikunu operazzjonali.

L-għan tar-rappurtaġġ huwa ddefinit kif ġej: l-istokks ta' titoli rrappurtati lill-kumpilatur nazzjonali fuq bażi aggregata, i.e. mhux bl-użu ta' kodiċi standard (ISIN jew kodiċi oħra simili), m'għandhomx jaqbżu l-15 % tal-istokks totali tal-investiment tal-portafoll ta' assi jew obbligazzjonijiet. Din il-linja minima għandha tintuża bħala gwida fl-evalwazzjoni tar-rappurtaġġ tas-sistemi tal-Istati Membri. Is-CSDB għandu jkopri suffiċjentament it-titoli tal-portafoll ta' investiment fuq livell dinji biex jagħmel possibbli l-kumpilazzjoni ta' statistika minn dejta ta' titolu b'titolu.

L-istokks tal-portafoll ta' investiment ta' assi u obbligazzjonijiet fi ħdan il-qagħda internazzjonali tal-investiment huma kkumpilati purament minn dejta dwar l-istokk.

Is-sistemi ta' ġbir ta' portafolji ta' investiment fiż-żona tal-euro jikkonformaw ma' wieħed mill-mudelli f'din it-tabella:

Mudelli ta' ġbir ta' dejta validi dwar portafolji ta' investiment

— Stokks ta' kull xahar [s-b-s] + flussi ta' kull xahar [s-b-s]
— Stokks trimestrali [s-b-s] + flussi ta' kull xahar [s-b-s]
— Stokks ta' kull xahar [s-b-s] + flussi ta' kull xahar derivati [s-b-s]
— Stokks trimestrali [s-b-s] + flussi ta' kull xahar [aggregate]

Noti: "s-b-s"= *security by security data collection* (ġbir ta' dejta titolu b' titolu)

"flussi derivati"= differenza ta' stokks (aġġustati skont il-movimenti fir-rati tal-kambju, fil-prezzijiet u f'tibdiliet oħra fil-volum identifikati)

ANNESS VII

LINJA GWIDA MĦASSRA BIL-LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHA

Linja Gwida BĊE/2004/15 (ĠU L 354, 30.11.2004, p. 34)

Linja Gwida BĊE/2007/3 (ĠU L 159, 20.6.2007, p. 48)

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT